# DAWL FRANĠISKAN

GĦADD 402 • SETTEMBRU 2020 • L-40 SENA

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN



SETTEMBRU... LURA LEJN L-ISKOLA

NEWSPAPER POST IISN 1811-5373

# WERREJ


3 **EDITORJAL**
**"Ejjew għandi... u jiena nserraħkom." Mt. 11, 28**
FR PHILIP CUTAJAR OFMCap

5 **POEŻIJA**
**Il-miraklu tat-tieġ ta' Kana**
PAUL BONNICI

6 **BIBBJA**
**Il-mibegħda (9)**
MONS. LAWRENZ SCIBERRAS

9 **ATTWALITÀ**
**X'tgħallimt minn din l-esperjenza tal-Coronavirus?**
FR PHILIP CUTAJAR OFMCap

12 **ATTWALITÀ**
**Il-marda ta' żmienna**
FR HILARY ABELA OFMCAP

14 **RIFLESSJONI SPIRITWALI**
**Waqt il-COVID-19 fejn hu Alla?**
**Id-dinja qisha qed titkisser imma Alla għadu magħna**
MANWEL MICALLEF

17 **SAĦĦITNA**
**Ir-rigal ta' saħħitna – ngħożżuh biżżejjed?**
MARTIN BORG

19 **EKU TAL-CORONAVIRUS**
**"Kont il-ħabs u ġejtu żżuruni..." Mt. 25, 36**
FR PHILIP CUTAJAR OFMCap

23 **SPIRITWALITÁ**
**Il-Qaddis Padre Pio tal-pjagi u d-devozzjoni tiegħu lejn San Ġużepp (l-ewwel parti)**
VINCENT VELLA OFS

27 **SPIRITWALITÀ ĠUŻEPPINA**
**San Ġużepp – 150 sena patrun tal-Knisja universali - Dun Karm, il-Poeta Nazzjonali, u San Ġużepp** (is-seba' parti)
JOSEPH C. CAMILLERI BA; DEAM; M.ED. (PL. & MGT)

28 **AĦBARIJIET TAL-PROVINĊJA**
**Mid-Djarju tal-Kapuċċini Maltin**
BR MIGUEL ZAMMIT OFMCAP - SEGRETARJU PROVINĊJALI

32 **KNISJA: ĦAJJA, ĦIDMA U AĦBARIJIET**
**Ir-Riforma tal-Knisja Tkompli... Il-Parroċċi u l-Katekeżi**
FR SILVESTRU BONAVIA OFMCAP

34 **KNISJA: ĦAJJA, ĦIDMA U AĦBARIJIET**
**San Leopoldo Mandic, Patrun tal-morda bil-cancer**

35 **KOMPETIZZJONI**
FR WISTIN ATTARD OFMCap




## Ħsieb tal-faċċata

SETTEMBRU... LURA LEJN L-ISKOLA

Ta' kull sena fix-xahar ta' Settembru jinfetħu mill-ġdid il-bibien tal-iskejjel u l-universitajiet tagħna. Dan iseħħ wara x-xhur sħan tas-sajf ta' vaganzi u mistrieħ. Din is-sena l-iskejjel ser jinfetħu b'mod differenti minn snin oħra hekk kif is-sena skolastika 2019-20 ingħalqet b'mod differenti minħabba l-pandemija tal-COVID-19.

Nawguraw li din tkun sena li fiha naraw lill-istudenti kollha jkomplu jikbru fil-għerf, fl-edukazzjoni intellettwali u fil-formazzjoni tal-valuri umani u Nsara. Awguri.

## BORD EDITORJALI


Editur
Fr Philip Cutajar OFMCap

Amministratur
Dorian Holland OFS

Distributur Malta
Alfred Ebejer

Distributur Għawdex
Pierre E. Buttigieg OFS

Membri
Joe Debattista GFF
Silvana Galea - F.Act



Direzzjoni u Amministrazzjoni
Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana - FRN1211

Telefown: 2123 3874, 2122 5525, 2123 4949

Imejl: dawlfrangiskan@gmail.com



IISN 1811-5373

Disinn u Stampar: Best Print Co. Ltd
Telefown: 2168 0789



© Dawl Franġiskan 2020



Pubblikazzjoni Franġiskani Kapuċċini

Ħlas tal-Abbonament:
€10.00 fis-sena


Kull offerta barra mill-ħlas hi milqugħa bħala għajnuna għall-missjoni u għandha tintbagħat lid-Direttur:
Ċentru Missjoni Kapuċċini,
Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana - FRN1211

Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-*DAWL FRANĠISKAN* għandhom jiġu indirizzati lill-editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-*DAWL FRANĠISKAN* dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.



EDITORJAL

FR PHILIP CUTAJAR OFMCap

# "EJJEW GĦANDI... U JIENA NSERRAĦKOM." MT. 11, 28

Fil-ħajja kull bniedem, fost it-taħbit u n-niket li jiltaqa' magħhom kuljum, ifittex l-għajnuna, il-faraġ u l-għemil tal-ieħor, bil-għan li joħroġ mill-għawġ li jkun għaddej minnu. Jekk ma jirnexxilux joħroġ mit-tbatija, min-niket u d-dwejjaq li ħafna drabi l-ħajja toffri, almenu jsib l-għajnuna bil-għan li dak il-piż jeħfief, iħoss li mhux qed jerfgħu waħdu, ma jiddisprax. Mhux ilkoll kemm aħna ngħaddu b'xi mod jew ieħor minn dawn l-esperjenzi fil-ħajja tagħna? U quddiem dawn l-esperjenzi iebsa u koroh mhux ilkoll kemm aħna nfittxu l-għajnuna? Imqar ma' min ngħidu kelma u nifthu qalbna.

U dan infittxu nagħmlu ma' dawk li nemmnu li jħobbuna. U nistennew kull għajnuna mingħandhom bi dritt. Infittxu lill-familjari tagħna għall-għajnuna u l-faraġ. Infittxu wkoll lill-ħbieb għax nemmnu li dawn ukoll iħobbuna, u għalhekk qegħdin hemm sabiex fil-mumenti tal-bżonn infittxuhom u nsibuhom. Ħafna drabi, ukoll meta nħossuna magħkusin, infittxu għajnuna professjonali: immorru għand saċerdot biex nifthu qalbna miegħu. Dan kollu huwa tajjeb u hekk għandu jkun.

**"EJJEW GĦANDI..."**

Imma hemm xi ħadd li kontinwament qed jgħidilna sabiex immorru għandu fil-mumenti koroh li ngħaddu minnhom. Nagħmlu tajjeb li meta nħossuna mtaqqlin immorru għall-għajnuna għand il-familjari tagħna, għand il-ħbieb tagħna u persuni oħra sabiex infittxu l-għajnuna. Imma qatt m'għandna ninsew li hemm dan ix-xi ħadd: il-persuna ta' Ġesù Kristu, li qed jagħmlilna stedina miftuħa... ta' kuljum...



int min int u hi x'inhi l-kundizzjoni tiegħek, sabiex huwa jagħtina l-mistrieħ li tant ikollna bżonn.

Il-filosfu ta' spiritwalità profonda Søren Kierkegaard (1815-1855), meta ltaqa' għall-ewwel darba ma' din l-istedina ta' Ġesù, tant daħlet f'qalbu, taħt ħalliet effett f'ħajtu, tant nisslet faraġ u ferħ fil-qalb tiegħu, li wasal biex immeditaha kelma b'kelma.



### "EJJEW..."

Ġesù qed jistieden lil kulħadd, bla distinzjoni ta' ħadd. Hija stedina miftuħa għalik u għalija. Ġesù ma joqgħodx jagħżel lil dak u lill-ieħor, imma qed isejjaħ lil kulħadd, anke lill-agħar midinbin. Anzi huma dawn l-aktar li għandhom bżonn jisimgħu u jilqgħu din l-istedina. Anzi Ġesù, b'din l-istedina li qed jagħmel, lanqas għandu dik il-paċenzja li joqgħod jistenniena mmorru għandu. Huwa hu li jiġi jfittixna, bħalma ragħaj imur ifittex lin-nagħġa li tkun intilfitlu. U dan Ġesù diġà għamlu meta niżel mis-sema u sar bniedem bħalna u għalina.

### "GĦANDI..."

Ġesù qed jistedinna u jgħidilna li fil-mumenti iebsa ta' ħajjitna, l-ewwel u qabel kollox jeħtieġ li mmorru għandu, li nfittxu lilu, li npoġġuh bħala l-għan u ċ-ċentru tal-paċi li nkunu qed infittxu, ħalli bħalma diġà għedt infittxu l-għajnuna tal-bnedmin – u nagħmlu sewwa u hekk għandu jkun – imma bla ma ninsew lilu, bla ma nwarrbu lilu, bla ma nħalluh għall-aħħar, wara li niġu daharna mal-ħajt. Jiġu mumenti meta persuna tant tkun qalbha maqtugħa mill-ħajja li ma tara tama u faraġ imkien. Imma proprju hawnhekk irridu nisimgħu l-eku ta' din l-istedina li qed jagħmlilna Ġesù: "Agħmlu l-qalb u ejjew għandi. Jiena l-għajn tal-paċi u l-ferħ veru."

### "INTOM LI TINSABU MĦABBTIN U MTAQQLIN..."

Jekk kif ktibt diġà Ġesù qed jagħmel l-istedina tiegħu sabiex immorru għandu lil kulħadd, bla distinzjoni ta' ħadd, propju hawnhekk qed jagħmel preferenza. Mingħajr ma jeskludi lil ħadd qed isejjaħ b'mod speċjali lil dawk li jinsabu "mħabbtin u mtaqqlin". Nemmen li jekk isejjaħ lill-imħabbtin u lill-imtaqqlin qed isejjaħ lil kulħadd, għax min mhuwiex b'xi mod jew ieħor imħabbat u mtaqqal bil-piż tal-ħajja ta' kuljum?

Aħna mtaqqlin u mħabbtin b'mitt elf ħaġa. Imtaqqlin u mħabbtin fuq livell spiritwali bid-dnub tagħna, fuq livell personali bil-mard li jaħkimna, bid-dgħufijiet u bil-limitazzjonijiet tagħna, fuq livell familjari bil-problemi ta' kull membru fil-familja fejn ngħixu. Imtaqqlin u mħabbtin fuq livell fiżiku, mentali, emozzjonali u psikoloġiku. Għalhekk Ġesù qed jistieden lilek u lili. Ilkoll għandna bżonnu, u b'urġenza kbira.

### "U JIENA NSERRAĦKOM..."

Hawnhekk Ġesù qed jagħtina garanzija li l-ebda bniedem ieħor ma jista' jagħtihielna. Qed jagħtina ċ-ċertezza li huwa, u huwa biss, jagħtina l-veru serħan li lkoll kemm aħna għandna bżonn. Qatt mhu se jiddiżappuntana. Li x'inhi l-problema tiegħek, kbira kemm hi kbira, dejjem hemm xi ħadd li huwa ferm akbar minnha. Hemm Ġesù li lest li jerfagħha miegħek u għalik, sabiex b'hekk jagħtik is-serħan u l-paċi.



**SERĦAN U FEJQAN**

Dan il-kliem ta' Ġesù kien u għadu kliem li ġab u għadu jġib mhux biss serħan fil-moħħ u l-qalb tal-bniedem batut imma wkoll fejqan. Dan kien kliem li għamel ħafna ġid lil ħafna persuni vulnerabbli, anke quddiem il-biżgħat li ħolqot fina l-pandemija tal-Coronavirus. Naf persuni li meta semgħu b'dan il-kliem u ħallewh jidħol f'qalbhom, emmnu fih u poġġewh fil-prattika, għaddew minn proċess ta' fejqan. Ħarġu mid-depression li ħakmithom. Neħħew il-ħsieb li jneħħu ħajjithom. Ħajjithom inbidlet. Nisslu aktar fiduċja fihom infushom. Ħarġu mill-qabar li huma stess kienu ndifnu fih u bdew jgħixu aktar milli jeżistu.

Inħallu lil Ġesù jkun it-tabib tagħna billi kliemu jsir għalina l-mediċina li huwa dejjem qed joffrilna bil-għan li jfejjaqna.

Il-Mulej jagħtikom is-sliem. ■

## POEŻIJA

PAUL BONNICI



# IL-MIRAKLU TAT-TIEĠ TA' KANA



Ġesù w Marija kienu
f'ta' Kana l-festin,
u magħhom, id-dixxipli,
għax kienu mistednin.

It-tieġ kien għaddej ġmielu,
b'ikel, xorb, daqq u żfin;
xi wħud dehru mlaħalħa,
bl-inbid aħmar peprin.

F'nofs tieġ, il-kap tal-mejda,
wiċċu deher tant imqiet,
għax kienu ġew qalulu
li naqashom l-inbid.

Marija, Omm Kristu Sidna,
mill ewwel indunat;
biex jagħmel xi miraklu
lil binha fis ordnat.

"X'hemm bejni w bejnek mara?"
qal 'l ommu l-Feddej,
"Għad ma' waslitx sigħeti
nibd'issa mnejn sa fej'?"

Iżda Hi 'l-qaddejja qalet,
"Agħmlu dak l'ibni jgħid"
għax Hi ħasset għalihom
li ser jaqgħu għaċ-ċajt.

Fil-qrib kien hemm sitt ġarar
li kienu għar-ritwal;
"Sax-xifer bl-ilma imlewhom,"
Ġesù 'l-qaddejja qal.

Huma għamlu kif qalilhom;
u baqgħu imbellhin,
xħin l-ilma l'huma ferrgħu,
inbidel fi nbid bnin.

Għalhekk met'aħna mġarrba
għax mingħajr ħajt għall-kenn,
induru lejn Marija,
u żgur għalina tħenn.

Għax Hi titlob lil binha,
Ġesù, l-kbir Salvatur,
biex minn kull hemm jeħlisna,
sew t'issa u fil-futur. ■

MONS. LAWRENZ SCIBERRAS



# IL-MIBEGĦDA (9)



Jekk wieħed jixtieq jagħti definizzjoni qasira tal-mibegħda, dan jista' liberament jgħid li din hija kontra l-imħabba. Biss, dan huwa ftit wisq, u għalhekk hemm bżonn li wieħed iserrep aktar f'toroq oħra biex joħroġ id-diversi dellijiet ta' din il-marda kiefra daqskemm komuni.

**SINJALI TA' MIBEGĦDA**

Wieħed mill-effetti tal-mibegħda huwa l-aggressività li kontinwament tbejjet b'qilla kontra l-istess proxxmu. Għalhekk il-mibegħda faċilment tidher ħafna fl-estern, mela fil-ħars qalil, fil-korla xejn imrażżna, u fil-kliem tassew aggressiv u li jferi. Min jobgħod, id-dehra ta' wiċċu dejjem imqarras issir ħaġa naturali fih. Ukoll, leħnu dejjem ikun b'tonalità ta' wieħed żorr, mimli mibegħda fih innifsu.

Dan il-vizzju jista' jaħkem lill-individwu sa minn età żgħira. Minkejja li wieħed jintebaħ b'din il-qawwa li tkun fih, ta' spiss min jobgħod ma jirnexxilux jimmansa r-reazzjonijiet fiżiċi tiegħu, tant li mbagħad dan jgħaddi biex jibda jkisser, ifarrak, jigdem, iħammeġ apposta, jisfratta, ifixkel u l-bqija. Jekk ikun hemm xi laqgħa u t-tali ta' din il-kwalità jkun preżenti għaliha, erħilu dejjem jopponi u jeqred, qatt ma jaqbel ma' sħabu u ħsiebu biex jifred minflok jgħaqqad. Kollox frott tal-mibegħda li jkun hemm tberren fih!

Min jobgħod qatt ma jkun żgur minnu nnifsu. Għalhekk dan l-individwu tarah dejjem beżgħan kif ukoll ikollu sens kbir ta' inferjorità, u allura r-riżultat ta' dan kollu jkun il-mibegħda.

Xi drabi l-mibegħda tifrex ukoll fuq il-klassi tas-soċjetà inġenerali. Dan huwa intollerabbli meta jkun iferi mhux biss lill-persuni

individwali imma wkoll ifixkel l-istrutturi tas-soċjetà. Wieħed hawn ifakkar fid-droga u l-alkoħol. Għad hemm ukoll ċerta mibegħda indirizzata lejn gruppi żgħar etniċi u reliġjużi, u dan naturalment ukoll qatt ma huwa aċċettabbli.

Min ma jasalx biex dan il-vizzju ikrah jiddominah u jgħakksu sew, ibati hu u jwassal biex dawk ta' madwaru jbatu forsi aktar minnu. U dawn ikunu bla ħtija ta' xejn.



## FIL-BIBBJA

Kif jiġri ta' spiss fil-Bibbja hemm tliet kelmiet li direttament jew indirettament għandhom x'jaqsmu mal-mibegħda. Dawn huma 'misos', 'echthra' u 'pòlemos'. Dawn it-tliet kelmiet jinsabu fil-Bibbja tas-Sebgħin (LXX), jiġifieri f'dik il-Bibbja bil-Grieg li hija wkoll ispirata.

Il-kelma 'pòlemos' tfisser mibegħda fl-apert, mela ġlied fil-miftuħ, b'mod li n-nies jindunaw b'din is-sitwazzjoni. It-tieni kelma, 'echthra', turi, iva, mibegħda, imma fil-bogħod, rieqda, qiegħda fl-intern tal-individwu, dik li bl-Ingliż tissejjaħ 'cold war'. L-ewwel kelma, imbagħad, 'misos', tesprimi fil-beraħ dak is-sentiment tal-mibegħda vera. Din hija l-kawża ewlenija ta' wirjiet ukoll, minbarra effett tal mibegħda, mela rabja, saħna, tilwim u ġlied, liema vizzji jkunu għand dik il-persuna li tkun sfat maqbuda u marbuta mal-mibegħda.

## MIBEGĦDA FOST IL-BNEDMIN

Dan l-istat iwassal biex bniedem anke sempliċement iħoss antipatija lejn xi ħadd. Eżempju klassiku huwa dak ta' raġel lejn martu (Dt. 22, 13), jew kif għamlet ukoll Dalila ma' żewġha Sansun, u dan biex tqarraq bih: "Int tobgħodni, u ma tħobbnix" (Imħ. 14, 16). Din il-mibegħda tista' wkoll twassal biex wieħed jittratta ħażin lil sieħbu (Dt. 21, 15).

Hemm ukoll mibegħda indirizzata lejn Alla. Din tinsab għand dawk li jħossuhom imfixklin mill-kmandamenti ta' Alla u għalhekk iwarrbuhom. Mhux biss, imma dawn it-talin jaslu biex jgħaddu wkoll biż-żuffjett lin-nies ġusti u twajbin. Imbagħad nies bħal dawn jibdew iqimu xbihat oħra. Biss, dan huwa wkoll ħażin. "Tadurahomx u sservihomx. Għax jiena l-Mulej Alla tiegħek, Alla għajjur, li nikkastiga l-ulied għad-dnubiet ta' missirijiethom sat-tielet u r-raba' ġenerazzjoni ta' min jobgħodni." (Dt. 5, 9)

## IL-MIBEGĦDA BEJN L-AĦWA

Kemm fit-Testment il-Qadim kif ukoll fil-kitbiet tar-rabbin il-mibegħda bejn l-aħwa hija assolutament ipprojbita. Din twassal għal firda ħarxa, tnibbet għira bejn l-ulied tal-istess aħwa u tista' twassal għat-tixrid tad-demm. "La tbejjitx lil ħuk f'qalbek, imma lil għajrek wissih u erġa' wissih, biex ma tkunx ħati tiegħu" (Lev. 19, 17). Eżempju klassiku ta' din il-kwalità ta' mibegħda bit-tixrid tad-demm tidher minn kmieni ħafna, fil-ktieb tal-Ġenesi: il-mibegħda ta' bejn Abel



u Kajjin, liema mibegħda wasslet sal-mewt, sal-fratriċidju – "Leħen id-demm ta' ħuk qiegħed jgħajjatli mill-art." (Ġen. 4, 10)

It-tagħlim fit-Testment il-Ġdid ikompli jsaħħaħ is-sbuħija tal-maħfra u tal-imħabba, u din ma' kulħadd mingħajr eċċezzjoni. Ġesù stess għandu kliem li jqanqal tassew tħassib serju. Hekk "min jiġi għandi ma jistax ikun dixxiplu tiegħi jekk ma jobgħodx lil missieru u 'l ommu u lil martu u lil uliedu. Dan huwa raġunament tipiku tal-Lhud ta' dak iż-żmien. Mhix kwistjoni li tobgħod, imma li tagħti lil dawk l-affetti familjari l-valur li jixirqilhom u sa fejn jixirqilhom (Mt. 10, 37). Li titbiegħed minn dawk li huma l-aktar għeżież għalik kif ukoll minnek innifsek, dan ifisser li int tkun qed tgħid aktar iva biex timxi bil-libertà wara Ġesù. U hawn issa toħroġ fil-beraħ il-mixja spiritwali lejn u ma' Ġesù. Hawn ta' min ifakkar li fost it-tagħlim ġdid li ġab miegħu Ġesù hemm dak tal-imħabba fuq il-mibegħda, tal-maħfra flok it-tpattija u tal-għajnuna konkreta flok ir-rifjut. "Għax jekk intom tħobbu lil min iħobbkom, xi ħlas jistħoqqilkom? Mhux il-pubblikani wkoll jagħmluh dan?" (Mt. 5, 46)

L-evanġelista Ġwanni, bl-istil tad-duwaliżmu personali tiegħu, joħroġ għad-dawl dan id-duwaliżmu ta' mħabba ġejja minn Alla kif ukoll il-mibegħda li hija frott tad-dinja. Dan l-istil ta' raġunament joħroġ f'kuntrast ieħor, din id-darba bejn id-dawl u d-dlam! Jidher li din it-taqbida hija inevitabbli, u r riżultat huwa wieħed iwieġeb għalih.

Għalhekk kull min jobgħod jinsab tassew fid-dlam u mhux jara d-dawl; mela hawn forma qawwija ta' mibegħda. "Min jgħid li qiegħed fid-dawl u jobgħod 'il ħuh, għadu fid-dlam sa issa" (1 Ġw. 2, 9). Mela l-mibegħda hija bħad-dlam; hija forma ta' qawwa ħażina, u kapaċi tħaddem is-setgħa fuq dak li jkun qed jgħix fiha. Dan il-ħsieb jidher li ħasseb sew ukoll lil San Pawl meta kiteb: "Naf li mhux dak li rrid nagħmel iżda dak li ma rridx" (Rum. 7, 15). Il-pożizzjoni li ħa Ġesù quddiem il-mibegħda hija tassew waħda oriġinali. Ġesù jipprojbixxi li wieħed jobgħod, taħt kull forma. Wieħed jista' jasal biex jobgħod biss dak li huwa ħażin fih innifsu. Dak li matul it-Testment il-Qadim deher li kien tajjeb u sewwa wera li qatt ma ħalla riżultat ta' paċi u serħan.

Kellu jkun it-tagħlim ġdid ta' Ġesù dwar l-imħabba li tmexxi, tqarreb u twassal tassew il-bniedem sa għand Alla. U bir-raġun, għaliex "Alla huwa mħabba". (1 Ġw. 4, 16) ■

FR PHILIP CUTAJAR OFMCap



# X'TGĦALLIMT MINN DIN L-ESPERJENZA TAL-CORONAVIRUS?




Matul dawn l-aħħar xhur, mhux biss bħala Maltin u Għawdxin imma bħala umanità globali, għamilna esperjenza unika f'ħajjitna. Qed nirreferi għall-esperjenza tal-pandemija tal-Coronavirus, jew kif ġieli nsejħulha COVID-19. Għamilna esperjenzi ta' epidemiji kemm fuq livell ta' Ewropa u anke f'pajjiżna. Biżżejjed insemmu l-influwenza li taħkimna kull xitwa. Fil-lingwaġġ tagħna minflok 'epidemija' nsejħulha 'mxija'... l-imxija tal-influwenza. Imma pandemija, mifruxa mad-dinja kollha, qatt m'għamilna esperjenza tagħha. Ġieli qrajna fl-istorja dwar pandemiji li anke laqtu lil pajjiżna. Imma dawn smajna biss dwarhom, u qrajna fuqhom, imma m'għamilniex esperjenzi tagħhom. Nistgħu ngħidu li minn kważi mitt sena 'l hawn din kienet il-pandemija li messna ngħixu fl-istorja ta' ħajjitna.

## IS-SABIĦ U L-IKRAH

Importanti li meta fil-ħajja tagħna ngħaddu minn xi esperjenza, tkun xi tkun, nippruvaw nieħdu t-tajjeb tagħha, kemm mis-sabiħ li toffri kif ukoll mill-ikrah li jista' jkun hemm imgeżwer magħha. B'dan il-mod tkun esperjenza li tħalli l-frott fina. Dan hu t-tifsir ta' **esperjenza**, b'differenza minn **impressjoni**. Jiena u int nistgħu ngħaddu minn ġrajja f'ħajjitna li tħallina b'idejna vojta. Nistgħu ngħidu li kienet tajba ħafna u anke sabiħa, jew li kienet iebsa u kerha, però tgħaddi u tħallina vojta. Din insejħulha **impressjoni**. Impressjoni ta' xi avveniment li ma jkun ħalla l-ebda effett, l-ebda marka, l-ebda bidla fil-ħajja tiegħek. Ħasra! Tkun ġrajja moħlija, żmien mitluf!

Imma minbarra dik li nsejħulha 'impressjoni' hemm l-**esperjenza**. Din hija ferm aqwa u aħjar. L-esperjenza, li bħal ġrajja tiġi fuqek, tgħaddi minnha, bid-differenza li wara li tgħaddi tħallik ferm aħjar. Timmaturak, tkabbrek, tikkonvertik, tittrasformak! Għalhekk insejħulha 'esperjenza'.

U proprju hawnhekk nagħmel mistoqsija meħtieġa u kruċjali: il-ġrajja li għaddejna u għadna għaddejjin minnha, tal-Coronavirus, hija għalija u għalik, ħija u oħti, **impressjoni** jew **esperjenza?** Se tkun biss ġrajja ta' livell ta' impressjoni, li nkunu għaddejna minnha u ħallietna kif sabitna, jew agħar milli sabitna? Se tkun ġrajja li ma nitgħallmu xejn minnha? Meta tgħaddi għalkollox sejrin nirritornaw għall-ħajja ta' qabel, qisu ma ġara xejn? Jew din il-ġrajja tal-pandemija tal-Coronavirus se tkun għalija u għalik mument għani ta' esperjenza, għax sejrin noħorġu minnha aħjar milli konna qabel? Se nħalluha timmaturana u tkabbarna? Sejrin nitgħallmu mill-iżbalji li konna qed nagħmlu qabel, ħalli nikkonvertu, ninbidlu, u għalhekk ma nkomplux nirrepetuhom?

## X'TGĦALLIMT? X'GĦANDNA NITGĦALLMU?

Bil-għan li din il-ġrajja tal-Coronavirus, bl-ikrah u s-sabiħ kollu tagħha, ma

tkunx biss sempliċiment 'impressjoni' imma wisq aktar tkun 'esperjenza' se naqsam magħkom ftit ħsibijiet, 16 b'kollox, dwar dak li jiena personalment tgħallimt minnha. U ladarba tgħallimt, għalija mhix se tkun ġrajja li tgħaddi u tħallini b'idi vojta, imma se tgħaddi u nħalliha tkabbarni.

**1.** Hemm min xebbah din il-pandemija mat-Tielet Gwerra Dinjija. Din il-pandemija, jew aħjar it-Tielet Gwerra Dinjija, bdiet miċ-Ċina u nistgħu ngħidu li diġà ħarġet minnha. Għalhekk nirrifletti u ngħid: iċ-Ċina rebħet din it-Tielet Gwerra Dinjija mingħajr bombi jew missili. Il-pajjiżi l-kbar u żviluppati huma ppreparati sa snienhom għal kull possibiltà ta' gwerra imma ħadd minnhom ma kien ippreparat għal din il-pandemija, li ma tintrebaħx bil-bombi nukleari. Tgħid se jkun żball li se nitgħallmu minnu?

**2.** Din il-ġrajja tal-pandemija tal-Coronavirus li ħakmet b'qilla kbira l-pajjiżi tal-Ewropa kixfet kemm aħna l-Ewropej m'aħniex daqstant poplu dixxiplinat daqskemm konna naħsbu. Waħda mill-kawżi għaliex din il-pandemija xterdet b'ħeffa kbira u għamlet eluf ta' vittmi fil-pajjiżi tal-Ewropa kienet in-nuqqas ta' dixxiplina. Dan ma nistgħux ngħidu li kien jgħodd għal Malta, li tajna xhieda ta' dixxiplina billi obdejna dak li qalulna l-awtoritajiet tas-



saħħa. Imma issa wara din l-esperjenza sejrin nitgħallmu nkunu aktar dixxiplinati billi nieħdu ħsieb aktar saħħitna u s-saħħa tal-oħrajn?

**3.** Tgħallimt ukoll li quddiem il-mard m'hemmx uċuħ. M'hemmx sinjuri u fqar, pożizzjoni ta' klassi għolja jew baxxa. Kulħadd l-istess. Kellna saħansitra membri tal-familja rjali, presidenti u prim ministri li nħakmu minn dan il-virus! Bil-flus tista' tixtri l-mediċina u tidħol fl-aqwa sptarijiet, imma b'daqshekk m'intix se tixtri s-saħħa u l-ħajja!

**4.** Għandna footballers ta' livell internazzjonali li huma mħallsa bil-miljuni fix-xahar. Biżżejjed naħsbu f'Lionel Messi (2.58 miljun fix-xahar) u Cristiano Ronaldo (2.65 miljun fix-xahar). Imma quddiem din il-pandemija dawn kollha għosfru u għebu. Il-grounds tal-football huma magħluqin. It-tobba tagħna, li huma mħallsa b'madwar €3,000 fix-xahar, u n-nurses tagħna, li huma mħallsa bi ftit aktar minn €1,500 fix-xahar, baqgħu hemm magħna u għalina! Kienu huma li b'sogru għal ħajjithom baqgħu hemm magħna fl-isptarijiet biex isalvaw il-ħajjiet ta' tant morda bil-COVID-19! Ejjew nidħlu aktar f'sensina u nistaqsu lilna nfusna: min tassew jiswa l-aktar? Tabib fi sptar jiġġieled biex isalva l-ħajja jew footballer jiġri wara biċċa ġilda fil-ground? Kif qlibna l-valuri kollha, hux!

**5.** Mal-footballers nixtieq nikteb ukoll dwar in-nies tal-ispettaklu. Dawn ukoll jitħallsu tajjeb, għalkemm f'Malta ma tantx huma mħallsin. Dawn qegħdin hemm bil-għan li jferrħuna, speċjalment fis-swali tat-teatri tagħna. Dawn issa mhumiex hemm. Ħafna drabi anke lil dawn għamilniehom eroj. Imma qed nindunaw li mhumiex l-eroj li ħafna drabi għamilniehom. L-eroj huma t-tobba, in-nurses, il-pulizija, is-saċerdoti u l-kappillani fl-isptarijiet u oħrajn li qegħdin hemm biex jipproteġu lil saħħitna u jieħdu ħsieb ħajjitna.

**6.** Issa li għamilna u sa ċertu punt għadna qed nagħmlu l-esperjenza tal-lockdown, imsakkrin fi djarna, nistgħu nifhmu aktar it-tbatija u s-sagrifiċċji li jagħmlu dawk li jew b'mod volontarju (bħas-sorijiet tal-klawsura) jew għax bilfors (bħall-ħabsin) lkollhom jibqgħu magħluqin bejn erba' ħitan. U xi ngħidu għall-annimali, li għall-gosti tagħna u għall-qligħ tal-flus insakkruhom fil-gaġeġ ġo xi zoo?

**7.** Minn din l-esperjenza jiena qed nitgħallem ukoll li d-dinja mingħajr l-indħil tagħna tkun aktar nadifa.

**8.** Ħafna mill-ħaddiema tagħna jistgħu faċilment jaħdmu mid-dar. Tgħid ta' min jaħseb fuqha din? Li kieku nkomplu hekk insolvu parti kbira mill-problema tat-traffiku mit-toroq tagħna.

**9.** Kulħadd jista' jkompli jgħix mingħajr ma noqogħdu mmorru nieklu barra, ħafna drabi junk food.

**10.** Li nfittxu li ngħixu ħajja aktar iġjenika billi naħslu jdejna ta' spiss u nibżgħu għas-saħħa ta' xulxin xejn mhu diffiċli. Irnexxielna nagħmluha. Lesti li nkomplu?

**11.** Minn din l esperjenza tal-Coronavirus tgħallimt ukoll li l-irġiel huma kapaċi joqogħdu aktar ħin id-dar mal-familja. Hawn min ta prova li kapaċi jsajjar ukoll.

**12.** Xi ħaġa oħra ferm




pożittiva li tgħallimt minn din l-esperjenza tal-Coronavirus hija kemm aħna kapaċi nużaw il-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali bis-sens u biex inkunu ta' għajnuna għal xulxin.

**13.** Qed inkompli nitgħallem iżjed kemm il-ħajja tagħna hija tassew fraġli. Virus li bl-għajnejn ma tarahx, ikun madwarek, qrib tiegħek u saħansitra fuqek, u ma tindunax li faċilment ikun qed imarrdek u jitfgħek f'qabar.

**14.** Nemmen li lkoll kemm aħna, bil-għan li din il-ġrajja tkun tassew esperjenza li tħalli fina ħafna ġid, tajjeb li nkunu konvinti aktar minn qatt qabel kemm lil Alla qatt m'għandna nwarrbuh. Neħduh bis-serjetà qabel ma jkun tard wisq.

**15.** Għaddejna minn żmien meta l-tempji u l-knejjes tagħna ngħalqu. Però tajjeb li nżommu f'moħħna li jingħalqu biss il-bibien tat-tempji tal-ġebel fejn is-soltu niltaqgħu, imma mhux il-bibien tal-Knisja. Il-bieb tal-Knisja ma jista' jingħalaq qatt. Il-Knisja qatt ma tagħlaq il-bibien tal-ħniena tagħha. Importanti li nersaq u nidħol mill-bibien tal-Knisja u nħalliha tkun għalija sagrament ta' salvazzjoni, billi tgħinni niskopri aktar min hu Ġesù għalija.

**16.** Hekk kif nemmen li intom, bħala missirijiet, ommijiet u anke wlied, issa qed tiskopru aktar il-valur tal-familja miġbura flimkien, anke jiena dan seħħ fija bħala reliġjuż saċerdot. Ix-xogħol pastorali barra l-kunvent ġie kkanċellat kollu. Ħruġ xejn. Għalhekk anke jiena skoprejt aktar kemm hija sabiħa l-ħajja tagħna l-patrijiet, miġbura għal ħafna ħinijiet flimkien bħala fraternità. Mumenti li żgur se nibqa' ngħożż u nkompli ninvesti aktar ħin fihom, anke wara li tgħaddi din il-pandemija.

Nittama li dawn ir-riflessjonijiet li qsamt magħkom isiru tagħkom ilkoll, bil-għan li din il-ġrajja tal-pandemija tal-Coronavirus tkun tassew esperjenza li tkabbarna, timmaturana, billi ma nibqgħux li konna. Il-pandemija tgħaddi u titlaq. Igri titlaq darba għal dejjem, illum qabel għada! Però nittama li qatt ma nitilfu l-ħafna tajjeb li tkun ħalliet warajha! ■



FR HILARY ABELA OFMCap

# IL-MARDA TA' ŻMIENNA

Coronavirus! X'inhi din il-marda? L-għadab ta' Alla għal dnubietna? Turija tal-aħħar tad-dinja, kif kien bassar l-Imgħallem ta' Nazaret? Saħta mill-erwieħ ta' missirijietna?

Hawn ħafna għajdut idur madwarna, li jekk wieħed kellu jagħsar kollox flimkien, għandu mnejn isib xi tweġiba għall-marda ta' żmienna.

## IL-KELMA TA' ALLA

Il-Kelma ta' Alla mwassla lill-bassara ta' żmien il-qedem hija minsuġa tajjeb, tant li baqgħet miktuba fil-kotba, biex kulħadd isir jaf x'ġara fi żmien il-qedem.
Fil-bidu tal-Kotba Mqaddsa nsibu l-ewwel għadab ma' dawk li ħalaq Alla għax-xbieha tiegħu (Ġen. 3:16-21). Dan l-għadab baqa' jkaxkar tul iż-żminijiet, imqar meta twelidna aħna. L-għannej Lhudi, f'waħda mit-talbiet tiegħu, qal hekk lil Alla: "Ara, jien issawwart fil-ħtija u fid-dnub nisslitni ommi." (S. 50:7)

Għalkemm Alla ħafer lil dawk kollha li naqsuh, imma l-bnedmin baqgħu jagħmlu ta' rashom. Il-Mulej, li ra l-ebusija tal-bnedmin, sogħobbih li kien għamel il-bnedmin fuq l-art, sewwed qalbu u għadab għalihom billi għarraqhom fl-ilma. (Ġen. 7:17-24)

Xhieda oħra tal-għadab ta' Alla għal dawk li ħaduha kontrih huma s-sriep li bagħat biex jeqirdu lil dawk li ħaduha m'Alla. (Num. 21:6)

Il-bniedem baqa' miexi għal rasu, bla ma jagħti kas tal-Kelma ta' Alla, li kienet tasallu mill-bassara li Alla kien jagħżel matul iż-żminijiet. Kien wasal il-waqt li jibgħat lil Ibnu l-għażiż, u dan stqarru quddiem Pietru, Ġwanni u Ġakbu, biex jisimgħu minnu u jagħmlu dak li jgħidilhom, qabel ma jkun tard wisq (Mt. 17:5). U Ġesù beda t-tagħlim tiegħu billi sejjaħ għall-indiema. (Mt. 7:17)

Ħafna mis-semmiegħa ta' żmien Ġesù baqgħu fejn kienu, mgħaddsa fil-ġibdiet tagħhom. U Ġesù beka għall-qerda ta' ġensu (Mt. 23:37-39). U aħna mxejna fuq it-tifsila tal-ħajja Lhudija: miġbuda iktar minn xewqatna milli minn dak li jrid Alla minna.

## IL-ĦSIEB AFRIKAN

L-Afrikani jemmnu li l-mard huwa tbeżbiża mill-erwieħ ta' missirijiethom, jew xi saħta minn ta' ommijiethom. Dan minħabba li qatt ma fehmu għaliex jimirdu. Għaldaqstant ħadd ma jkun irid jiċċappas ma' nies bħal dawk, għax fi ħsiebhom il-morda huma l-misħutin. Hekk, ngħidu aħna, il-marda tal-AIDS u issa tal-Coronavirus, jew aħjar il-marda ta' żmienna.



Dan minħabba li l-Afrikani jibżgħu ħafna minn dak kollu li huwa mistur, jew aħjar minn dak kollu li ma għandux tweġiba, il-ħafna mistoqsijiet li jinbtu fl-imħuħ.

Il-marda tal-Coronavirus hija agħar mill mard kollu li ħakem lill-postijiet Afrikani. Dan minħabba l-fatt li wieħed jista' jimrad b'din il-marda daqskemm wieħed huwa ħafif għalih li jixrob tazza ilma. Jekk mard ieħor b'xi mod hemm fejqan għalih, għall-marda ta' żmienna l-fejqan ftit li xejn tara ħjielu.

Minn dan li għedna jidher li jekk missier jew omm jittieħdu minn din il-marda jridu jħallu l-familja tagħhom u jmorru jissakkru xi mkien ieħor għal erbgħin jum. Meta mbagħad dak li kien marid jerġa' lura f'daru, irid ikisser moħħu fuq l-indafa, biex ma jniġġes lil ħadd mill-familja tiegħu. U dan joħloq għeja mentali (mental stress). B'hekk il-marda ta' żmienna





tkun qiegħda tnissel marda oħra bla ma wieħed ikun jaf biha.

Din il-marda ġiebet magħha ħafna tfixkil ieħor għall-familja. Hekk, ngħidu aħna, biex jitnaqqas it-tixrid ta' dan il-mard kulħadd kellu jingħalaq id-dar. Ħadd ma seta' jmur għax-xogħol. Bla ma trid il-ħażna tal-flus bdiet tonqos, u kulħadd tah ferħ ta' ġenn, għax il-ġuħ beda jagħmel tiegħu wkoll. Kull min kellu qalb taż-żonqor beda joħroġ billejl b'xi arma f'idejh, idur il-ħwienet jew id-djar, jisraq kulma jsib quddiem għajnejh. Ħażin għal dak li jkun qiegħed jgħasses ġidu bla ma jagħtih lil min jitlobhulu, għax jispiċċa b'rasu maqtugħa.

Drawwiet Afrikani li kienu jsiru qabel ma feġġet din il-marda spiċċaw ħesrem. Hekk, ngħidu aħna, it-tieġ, li huwa festa mhux biss għall-familji tal-għarus u l-għarusa, imma għar-raħal kollu. Id-dfin ta' xi ħadd tista' tgħid li huwa festa oħra għan-nies tar-raħal fejn ikun miet it-tali. Talb, daqq, żfin u ikla jridu jsiru għal tlett ijiem sħaħ. Dan biex jagħtu ġieħ lill-mejjet, li ngħaqad max-xirka ta' dawk li ħallew dan il-wied ta' dmugħ.

Dawn id-drawwiet, li kienu jlaqqgħu lil kulħadd bħala familja waħda, kellhom jintrefgħu fuq l-ixkafef minħabba din il-marda tal-Coronavirus. Ħafna min-nies tal-ibliet jew l-irħula ħarbu bil-moħbi u marru jgħixu fl-imsaġar. Hemm ma tilħaqhomx il-liġi u jkunu jistgħu jagħmlu li jridu.

Din il marda ta' żmienna ħawdet lil kulħadd. Ħadd ma jaf fejn qiegħed. Tinstema' biss il-karba tar-re Lhudi 'l Alla meta qal: "Twarrabnix minn quddiemek; tneħħix minni l-ispirtu qaddis tiegħek. Roddli l-hena tas-salvazzjoni tiegħek, u bi spirtu qalbieni wettaqni." (Salm 51:13-14) ■

MANWEL MICALLEF



# WAQT IL-COVID-19 FEJN HU ALLA? ID-DINJA QISHA QED TITKISSER IMMA ALLA GĦADU MAGĦNA

Meta xi traġedja, marda, telf ta' xogħol jew mewt tolqotna, faċilment nistaqsu, 'Fejn hu Alla?' Forsi staqsejtu dil-mistoqsija meta bdiet tixtered il-pandemija tal-COVID-19. Forsi l-finanzi bdew jonqsu għax tlift ix-xogħol, jew ma tistax tħallas xi dejn jew self; forsi bdiet tiżdied l-ansjetà minħabba l-iżolament; forsi xi ħadd qrib tiegħek jew inti stess ġejt infettat bil-virus, jew id-dlam dwar il-ġejjieni qed jifgak. Dan kollu hu esperjenza ġdida u qisu ħadd ma jaf xi rridu nagħmlu. Kif jista' Alla jħalli li dan kollu jiġri lili u lid-dinja?



Issa ħafna Nsara qed jagħmlu dil-mistoqsija, għax qed jibżgħu bl-imwiet dejjem jiżdiedu, bil-każijiet pożittivi jimmultiplikaw f'ħafna pajjiżi, stejjer ta' sptarijiet li mhux ilaħħqu man-numru hekk kbir ta' każijiet (fuq żewġ miljuni u nofs sad-data ta' dan l-artiklu), donnha d-dinja qed toqrob lejn xi tmiem b'veloċità eċċessiva minħabba dil-pandemija. Xi kontinenti qed isofru mit-tieni mewġa, oħrajn bilkemm għadhom bdew l-ewwel mewġa.

Dil-mistoqsija hi essenzjalment l-istess li n-nies jistaqsu meta xi uragan jew terremot jew tsunami jħarbat il-ħajja ta' eluf ta' nies, jew meta xi tarbija tmut jew xi ħadd għażiż joħroġlu xi kanċer terminali. Tissejjaħ 'il-problema tas-sofferenza' jew 'il-misteru tal-ħażen'. L-Insara ilhom żewġ millennji jagħmlu dil-mistoqsija u jitħabtu ma' dir-realtà kiefra. Il-mistoqsija li tiġi minn sofferenza naturali, minn mard jew diżastri naturali hi differenti minn dik dwar ħażen morali, bħall-azzjonijiet ta' Hitler pereżempju. Il-verità hi li ħadd ma jaf it-tweġiba ħlief Alla. Hawn nies li jgħidu li dan hu kastig biex id-dinja titgħallem lezzjoni, imma oħrajn jargumentaw li dan ifisser li Alla mhux kollu mħabba.

Ħaġa waħda nafu żgur: li Alla ma abbandunaniex, ma ħalliniex waħedna. Il-Mulej wegħedna fil-Bibbja, ħafna ħafna drabi, li Hu qatt mhu se jinsiena jew jitlaqna

fi żmien il-bżonn. Jibqa' jimxi magħna u mad-dinja, jgħinna ngħaddu minn daż-żmien terribbli. Fejn hu Alla? Alla hu magħna. Hawn huma l-wegħdiet li neħtieġu niftakru.

## ALLA HU FIL-KONTROLL

Alla hu sovran u dejjem jinsab fil-kontroll, u jħobbok (Ġwanni 16:27). Din il-verità tibqa' soda minkejja li ċ-ċirkustanzi jistgħu juru l-kontra. Alla assigurana li Hu se jaħdem id f'id magħna għall-ġid tagħna (Rumani 8:28), u xejn ma jibdel dil-verità. Kull opportunità, ferħ jew suċċess flimkien mal-esperjenzi ta' telf u fallimenti li jweġġgħuna huma mumenti li fihom Alla, jekk inħalluh, jaħdem magħna għall-ġid tagħna. Dan dejjem kien il-pjan ta' Alla – li jaħdem magħna, li jinvolvina fit-tiġdid tal-ħolqien tiegħu, fil-pjan tas-salvazzjoni sħiħ.

F'Salm 23 David ifaħħar lil Alla għal kif ħa ħsiebu waqt il-provi diffiċli li kellu. Jgħid, "Imqar jekk nimxi f'wied mudlam, ma nibżax mill-ħsara, għax inti miegħi. Il-ħatar tiegħek u l-għasluġ tiegħek, huma jwennsuni" (v. 4). Anke meta nkunu fl-agħar dlam, Alla hu hemm, mhux bħala spettatur imma bħala ragħaj protettiv, qrib tagħna. Jieħu ħsiebna f'kull parti ta' ħajjitna bħalissa stess (Efesin 1:4-6). Meta nsejħulu, Hu jaf l-uġigħ tagħna; meta nkantaw, Hu jaf il-ferħ tagħna; u meta



nistrieħu fuqu, Hu hemm ikun għalina. Alla hu l-kenn tagħna u dirgħajh eterni huma dejjem hemm biex jissapportjawna u jżommuna (Dewteronomju 33:27).

## ALLA JIFHEM IS-SOFFERENZA TAGĦNA

L-Ittra lil-Lhud (4:15-16) tgħid: "Għax aħna ma għandniex qassis il-kbir li ma jistax jagħder id-dgħufija tagħna, imma għandna wieħed li kien imġarrab bħalna f'kollox minbarra d-dnub. Ħa nersqu, mela, b'qalbna qawwija lejn it-tron tal-grazzja, biex naqilgħu ħniena u nsibu f'waqtha l-grazzja li neħtieġu."
Kull sentiment negattiv li għandna huwa wieħed li Alla tagħna jifhem. Alla qiegħed hemm biex jisma' l-uġigħ li inti tħoss. Hu jifhem l-uġigħ tiegħek, il-konfużjoni, u jistiednek tpoġġihom fuq spallejh. Alla ma jaħsibx li s-sentimenti tiegħek, dak li tħoss, huwa irrazzjonali, bla raġuni, bla sens, jew qed tesaġera; kif tirreaġixxi għal din il-kriżi se jkun differenti minn tal-oħrajn, u dan hu orrajt għal Alla. Alla mhux qed jiġġudikak; irid ikun preżenti miegħek u għalik.

## ALLA JIMXI MAGĦNA TUL IL-VJAĠĠ MUDLAM U TQIL

Il-Ktieb tal-Proverbji (16:9) jgħid hekk: "Il-bniedem jaħseb u jfassal triqtu, imma l-Mulej imexxih minnha." Li nippruvaw nippjanaw il-ġimgħat u forsi x-xhur li ġejjin, il-verità hi li l-ħajja tad-dinja kollha hi imprevedibbli bħalissa. Lanqas ix-xjenzati ma jafu kif se jiżviluppaw ir-riċerki tagħhom, il-politiċi jixtiequ joħorġu malajr minħabba l-ekonomija, iż-żgħażagħ iridu li jerġgħu joħorġu flimkien, ħafna jixtiequ jerġgħu jibdew jaħdmu ħalli jmantnu lill-familji tagħhom. Ħafna nanniet jixtiequ jerġgħu jħaddnu lin-neputijiet tagħhom. Imma l-aħbarijiet jistgħu jinbidlu fl-24 siegħa li ġejjin. Alla biss jaf f'liema triq ninsabu. Minħabba l-libertà li żejjinna biha, Alla jimxi ma' kull wieħed u waħda minna b'mod personali. M'għandux



ricetta għal kulħadd l-istess. Lil kull wieħed u waħda minna Alla jistedinna biex nafdawh, u nafdaw li mħabbtu għall-bnedmin u għad-dinja diġà mbuttatu biex fassal pjan ta' salvazzjoni sħiħa għalina lkoll.

"Jiena għadni persważ li t-tbatijiet ta' issa ma għandhom xejn x'jaqsmu mal-glorja li għad trid tidher fina. Il-ħlejjaq kollha qegħdin jistennew ħerqana r-rivelazzjoni ta' wlied Alla; għax il-ħolqien jinsab taħt il-frugħa – mhux minn rajh, imma minħabba Alla li xeħtu taħtha – bit-tama li l-ħlejjaq huma wkoll għad ikunu meħlusa mill-jasar tat-taħsir u jiksbu l-ħelsien tal-glorja ta' wlied Alla. Aħna nafu li l-ħolqien kollu għadu s'issa jitniehed bl-uġigħ tal-ħlas; u mhux hu biss, imma wkoll aħna li għandna l-ewwel frott tal-Ispirtu, aħna wkoll nitniehdu fina nfusna waqt li nistennew l-adozzjoni ta' wlied, il-fidwa ta' ġisimna. Aħna salvi bit-tama. Mela wieħed jara l-ħwejjeġ li jkun ittama, ma tkunx aktar tama; għax kif jista' wieħed jittama l-ħwejjeġ li ġa jkun ra? Imma dak li qegħdin nittamaw, jekk m'aħniex narawh, qed nistennewh bis-sabar." (Rumani 8:18-25)

Dan jitlob minna umiltà. Ma nafux kollox. Il-frugħa li Alla xeħetna taħtha hi l-frugħa tar-rieda ħielsa. Aħna naħsbu li għax liberi allura nagħmlu li rridu. Ħassarna ħajjitna, ħassarna n-natura. Il-bniedem iħobb jilgħab il-logħba li tissejjaħ 'blame game'. Inħobbu nwaħħlu f'xi ħadd jew f'xi ħaġa. Fil-kriżijiet li ma nifhmux inwaħħlu f'Alla. Għamilna żmien anke l-insurance agencies kienu jsejħu diżastri naturali 'acts of God'! Hekk għadu jaħseb moħħna. Il-verità hi li Alla jħobbna, Alla hu tajjeb magħna u ħanin lejna. Jirrispetta l-għażliet li nagħmlu. Imma mhux indifferenti għat-tbatijiet tagħna. Kulħadd jaf x'għamel Alla għalina – sar bniedem, ħa fuqu l-mard tagħna u d-dnubiet tagħna u qeridhom fuq is-salib li sallabnieh aħna fuqu. Lilna tana ħajtu. Tana l-Ispirtu tiegħu biex jiggwidana, ifarraġna, u jġib fina l-frott tal-fidwa ta' Ġesù. Lesti nafdawh f'din il-kriżi?

## ALLA DEJJEM JIBQA' MAL-POPLU TIEGĦU

L-Ittra lir-Rumani (8:38-39) tiddikjara, "Għax jiena żgur li la l-mewt u la l-ħajja, la l-anġli u la l-qawwiet, la ż-żmien t'issa u la ta' li ġej, la s-setgħat, la l-għoli u lanqas il-fond, u ebda ħliqa oħra ma jistgħu qatt jifirduna mill-imħabba ta' Alla li dehret fi Kristu Ġesù Sidna." Minkejja l-pandemija tal-COVID-19, Alla qiegħed jiggwida l-poplu tiegħu. L-ebda virus mhu se jifridna mill-imħabba u l-qawwa ta' Alla. Jibqa' jiġġieled favur tagħna, imma aħna rridu nafdaw il-pjan tiegħu.

## ALLA QED ISEJĦILNA BIEX INKUNU RAGĦAJJA

Fi żminijet ta' kriżi u avversità, il-paċi hi bżonn prezzjuż. U l-ebda paċi mhi aktar prezzjuża mill-paċi li Alla jtina permezz ta' Ibnu. Infatti, meta joktru u jiżdiedu l-biża' u l-inċertezza, bħala l-poplu ta' Alla aħna jmissna nkunu minjiera ta' paċi. Nistgħu nsiru santwarju fejn il-familja, il-ħbieb u oħrajn isibu kenn fit-talb tagħna, u eżempju ta' sabar għalihom. Ġesù jgħidilna, fi Ġwanni 16:33, "Dawn il-ħwejjeġ għedthomlkom ħalli bija jkollkom is-sliem. Fid-dinja tbatu jkollkom. Iżda agħmlu l-qalb: jiena rbaħt id-dinja!" U San Pawl, fl-Ittra lill-Efesin (2:14), iżid li Ġesù Kristu mhux biss jagħtina l-paċi, imma "Kristu hu s-sliem tagħna". Alla jinsab fina. Aħna nitħabtu bħala soċjetà biex inlaħħqu mat-traġedji naturali. Jista' jkun diffiċli tara fejn hu Alla f'dan iż-żmien mudlam. Il-verità hi li Alla hu magħna, jimxi magħna fl-uġigħ u fit-tbatija. Hu jiggwidana b'kelmtu u jdawwarna b'dirgħajh, li jipproteġulna qalbna mbeżżgħa.

***ĠESÙ, JIENA NAFDA FIK!*** ■



MARTIN BORG

# IR-RIGAL TA' SAĦĦITNA – NGĦOŻŻUH BIŻŻEJJED?

*"Aħjar fqir imma qawwi u sħiħ minn wieħed għani u ġismu kollu wġigħ. Aħjar wieħed f'saħħtu u f'sikktu milli jkollu ħafna deheb u ġisem mibni sewwa b'ġid bla qies. M'hawnx ġid aqwa mis-saħħa tal-ġisem u m'hawnx ferħ aqwa mill-hena tal-qalb."* (Bin Sirak 30:14-16)

Dan il-kliem meħud mill-Ktieb ta' Bin Sirak inkiteb xi mitejn sena qabel Kristu. Tassew kien osservatur għaref tal-ħajja. Min jista' jmerih? Bil-kelma żgur li le, iżda jkolli ngħid iva meta naħseb fuq l-imġiba u l-attitudni ta' ċerti nies fejn jidħlu s-saħħa u s-sigurtà – dawn it-tnejn ħafna drabi huma ħobż u sikkina. Nistiednek, qarrej ġentili, biex tkompli taqra ħalli tifhem aħjar xi rrid ngħid...

### FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL

Tippretendi illi meta persuna ssellem 'il-għeżież tagħha hija u ħierġa għax-xogħol, dawn tal-aħħar jerġgħu jarawha malli tidħol mill-bieb xi ftit tas-sigħat wara. Nafu, iżda, li dan mhux dejjem hu l-każ. Għandi f'moħħi l-isplużjoni fuq il-vapur *Um el-Faroud* fit-Tarzna fl-1995, meta mietu disa' ħaddiema. Biex ma nsemmix it-traġedji li seħħew f'siti ta' kostruzzjoni. Fil-liġijiet ta' Malta, l-Att XXVII tas-sena 2000 jimponi l-obbligu fuq min iħaddem biex iħares is-saħħa u s-sigurtà tal-impjegati (u nies oħrajn li jistgħu jiġu affettwati mix-xogħol li jsir) u dawn tal-aħħar huma obbligati li jagħtu l-kooperazzjoni sħiħa tagħhom biex dan iseħħ. M'hawnx spazju biex nidħol fid-dettall, imma ħafna drabi ftit sens komun huwa biżżejjed biex wieħed jieħu l-miżuri meħtieġa biex jitnaqqas ir-riskju li xi ħadd iweġġa' – jew agħar minn hekk. Sfortunatament is-sens komun ma tantx hu komuni xi kultant.

### IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, NISA TQAL U L-VOLONTARJAT

Dik il-liġi ssemmi biss "ix-xogħol" u mhux xogħol imħallas. Allura wieħed jifhem li anke min iwettaq xogħol volontarju, pereżempju NGOs u każini, huwa protett minnha. Ma naħsibx li Alla jieħu pjaċir b'min huwa responsabbli mill-attività, li jkun qed jiġi jaqa' u jqum mis-saħħa u s-sigurtà ta' dawk l-erwieħ twajba li qed jagħtu mill-ħin tagħhom (u mingħajr ħlas). Ħafna drabi dawn l-erwieħ twajba jkunu żgħażagħ, neqsin mill-esperjenza tal-ħajja, mimlijin entużjażmu, ħerqana għall-aħħar biex jagħmlu impressjoni tajba u żgur mhux ser joqogħdu jħaqquha ma' dak li jkun fuq nuqqasijiet fejn jidħlu s-saħħa u s-sigurtà tagħhom. Tant hu hekk li taħt il-kappa tal-Att XXVII hemm liġijiet sussidjarji li jitkellmu fuq obbligi oħrajn għal min iħaddem persuni taħt it-tmintax-il sena u nisa tqal, fejn fost miżuri oħra dawn ma jistgħux jiġu esposti għal sustanzi tossiċi u xogħol li jsir billejl (fil-qosor ħafna, ix-xiftijiet jagħmlu ħsara fl-arloġġ bijoloġiku tagħna, li jirregola l-irqad u d-diġestjoni).

F'Ħal Lija hemm mafkar ta' ġuvnott ta' erbatax-il sena, li kien għadu l-iskola, li miet b'xokk elettriku ġo gabbana huwa u jipprepara għall-festa tas-Salvatur. U m'ilux ħafna żagħżugħ ta' sbatax-il sena miet fuq il-post tax-xogħol, fil-limiti ta' Ħal Luqa, huwa u jopera magna tal-injam. Għidli x'jibqa' fik! *"Thenna, o żagħżugħ, fir-rebbiegħa ta' ħajtek, u ħa tkun ferħana qalbek fil-jiem ta' żgħożitek."* (Koħelet 11:9)

### ID-DAR U D-DIVERTIMENT

Staqsi lil xi mara tad-dar jekk id-dar hijiex post tax-xogħol ukoll! U staqsiha jekk qattx kienet se taqa' minn fuq is-sellum waqt it-tindif

tat-twieqi, jew titgerbeb it-taraġ hija u nieżla minn fuq il-bejt iġġorr il-banju tal-ħwejjeġ! Is-sellum suppost jintuża biss biex titla' u tinżel, u mhux bħala pjattaforma biex tagħmel xogħol minn fuqha, għax malajr tista' titlef il-bilanċ, speċjalment meta m'hemm ħadd biex iżommhulek. L-istess japplika għaliha u għar-raġel jekk jagħżlu li jbajdu minn fuq sellum.

Suppost għandna naslu lura Malta qawwijin u sħaħ u mexjin fuq saqajna t-tnejn wara vaganza. Nafu, iżda, li meta ma nippjanawx sew jew ma napplikawx is-sens komun, il-konsegwenzi jafu jkunu serji jew nispiċċaw inħallsu b'ħajjitna stess. Bħala eżempju wieħed biss insemmi s-sewqan f'pajjiżi fejn isuqu fuq il-lemin, u fejn it-toroq fil-muntanji huma dojoq u jserrpu b'mod tal-għaġeb. Kemm għadni nara f'pajjiżna nies jiġġoggjaw (jogging) jew isuqu r-rota fi dlam ċappa u lanqas lampa ma tara fuqhom, jew bozza fuq ir-rota! *"Hieni min isib l-għerf u l-bniedem li jikseb id-dehen..."* [Prov. 3:13]

## IS-SAĦĦA PSIKOLOĠIKA

Min iħaddem għandu wkoll l-obbligu li jħares is-saħħa psikoloġika tal-ħaddiema. Din għandha mnejn tkun iktar delikata u mhux daqshekk faċli tfejjaqha meta tqabbilha ma' dik fiżika. Min jaħdem għal rasu, ċoè s-self-employed, huwa wkoll obbligat bl-istess mod. Issa l-kontijiet iridu jitħallsu, u xi kapriċċ jew tnejn 'l hemm u 'l hawn jafu jgħinuna ngawdu l-ħajja. Il-gwaj jinqala' meta nibdew nagħtu qima fuq l-artal lill-ewro!

U lanqas ma nafu nieqfu meta naslu d-dar biex ingawdu ftit mistrieħ fil-kumpanija tal-familja. Għax it-telefon ċellulari għadu wweldjat ma' widnejna jew il-laptop għadu mixgħul aħna u nieklu l-burger biċ-chips u l-pastizzi. Ir-riċerka turi li l-effetti tal-istress fuq il-ġisem u l-moħħ imarrdu jew eventwalment jispiċċaw joqtlu 'l min twieled vulnerabbli għal dawk l-effetti.

*"Mela toqogħdux tħabblu raskom għal għada, għax il-jum ta' għada jħabbel rasu hu għalih innifsu. Biżżejjed hu għall-jum it-taħbit tal-ġurnata."* (Mt. 6:34)

## SAĦĦITNA U SAĦĦET ĦADDIEĦOR

Hemm ħafna nies mill-aħjar li fl-entużjażmu tagħhom biex jgħinu lill-proxxmu donnhom jinsew li għandhom id-dritt, biex ma ngħidx l-obbligu, li jieħdu ħsieb saħħithom ukoll. Kif tista' tgħin 'il ħaddieħor, speċjalment fuq bażi regolari, jekk ma tagħmilx dan? Xtaqt insemmi wkoll 'the unsung heroes' li jieħdu ħsieb lejl u nhar qraba morda, fiżikament jew mentalment. Forsi jgħidulek, u xi kultant bir-raġun, "M'hawn ħadd ħliefi għalih/a!" Iżda jista' jkun li jekk nitkellmu u niftħu qalbna ma' xi ħabib ta' veru, nistgħu flimkien nesploraw xi




għażliet li nistgħu nagħmlu użu minnhom, biex imqar intejbu s-sitwazzjoni. Irridu, akkost ta' kollox u fejn hu possibbli, ngħinu lilna nfusna. Imbagħad inkunu ġġustifikati ngħidu xi ħaġa bħal "Issa f'idejn il-Bambin!"

Hemm min, bil-maqlub, qisu m'għandux skop f'ħajtu, dejjem id-dar ma jafx x'se jaqbad jagħmel, u l-ġurnata qatt ma tgħaddi. Dawk li rtiraw mix-xogħol u li qatt ma ħasbu biex ifasslu pjan ta' rtirar ibatu ħafna. Fejn m'hemmx ħabib ta' veru nistgħu nirrikorru għas-Supportline 179, jew, għal min jippreferi l-internet, is-sit elettroniku Kellimni.com, immexxi minn SOS Malta. Wasalt għall-konklużjoni, f'ħajti, li ma tantx hawn affarijiet iktar prezzjużi minn saħħitna. Ejjew nagħmlu ħilitna biex naslu biex napprezzawha u nieħdu ħsiebha mingħajr ma jkollna għalfejn nitilfuha biex nindunaw li ttraskurajna rigal imprezzabbli. Għax għall-magħmul m'hemmx kunsill, jgħid il-qawl Malti. "Itolbu u jingħatalkom; fittxu u ssibu; ħabbtu u jiftħulkom. Għax min jitlob jaqla'; min ifittex isib u min iħabbat jiftħulu." (Mt. 7:7-8) ■

FR PHILIP CUTAJAR OFMCap



# "KONT IL-ĦABS U ĠEJTU ŻŻURUNI..." MT. 25, 36

Għal kull wieħed u waħda minna ż-żmien li għaddejna maħkuma mill-pandemija tal-Coronavirus kien ta' esperjenza differenti. Kien hemm fatturi komuni li ħassejniehom ilkoll, bħalma kienu l-għeluq fid-dar, ħafna kellhom jitilqu mix-xogħol, diversi negozji magħluqa, kellna nilbsu l-maskra u oħrajn. Imma kien hemm esperjenzi oħra li kienu differenti bejn persuna u oħra, kulħadd skont l-età tiegħu, il-mard li diġà kien maħkum minnu, ix-xogħol li kien qed jagħmel u fatturi oħrajn.



Fost dawn l-esperjenzi differenti u varji li ħassejna, rajna u għexna matul dawn it-tliet xhur magħluqin, kien hemm dawk tal-Franġiskani Kapuċċini fl-isptarijiet tagħna u mhux inqas fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, magħrufa bħala l-ħabs. Diġà fil-ħarġa tar-rivista tagħna *Dawl Franġiskan* ta' Mejju-Ġunju 2020, numru 400, qsamna magħkom tagħrif dwar il-preżenza tal-kappillan Kapuċċin fl-Isptar Mater Dei matul l-imxija tal-Coronavirus.

Illum f'din il-kitba sejrin naqsmu magħkom ftit riflessjonijiet dwar il-preżenza tal-kappillan Kapuċċin fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, li f'dan l-artiklu sejrin nirreferu għaliha bħala 'l-ħabs' – kif kulħadd jafha. Ser inħallu lil Ħuna Fr Hayden Williams jaqsam magħna ftit ħsibijiet, peress li kien hu li għadda żmien twil ġmielu magħluq lejl u nhar fil-ħabs mal-ħabsin. Sejrin nagħmlulu ftit mistoqsijiet u b'hekk inħalluh jaqsam magħna l-esperjenza tiegħu u x'effett ħalliet mhux biss fuq il-ħabsin imma anke fuq l-uffiċjali tal-ħabs.

## M'INIEX QED NGĦIX MAL-PATRIJIET FIL-KUNVENT

Fr Hayden qalilna kif il-fatt li kellu jgħix lejl u nhar mal-ħabsin fil-ħabs, il-ħajja tiegħu nbidlet radikalment. Hekk fisser din l-esperjenza tiegħu: "M'iniex qed ngħix fil-fraternità tiegħi fil-kunvent tagħna l-Kapuċċini, f'Għajn Dwieli, Raħal Ġdid. Bqajt ngħix f'Raħal Ġdid, imma fil-ħabs. M'għandix il-fraternità li s-soltu ngħix fiha. Il-Mulej tani l-komunità tal-uffiċjali u l-priġunieri fil-ħabs ta' Kordin. M'għandix l-ambjent tas-skiet li joffri l-kunvent. Tani l-istorbju mistenni meta jkollok numru konsiderevoli ta' nies jgħixu fi spazju ristrett. M'għandix kamarti, bil-kotba spiritwali li tant ngħożż. Tani l-kotba tal-ħajja ta' persuni, fejn l-istorja għadha qed tinkiteb."

Fr Hayden spjega kif il-kappella tal-ħabs ġiet trasformata f'dormitorju, fejn qed jorqdu madwar għoxrin uffiċjal korrettiv, u huwa qed iqaddes tliet darbiet kuljum f'divisions differenti fuq il-mejda tal-ikel tal-priġunieri, li saret l-artal il-ġdid tal-Ewkaristija.

Fr Hayden qal li jgħożż ukoll il-ħin tal-ikel, li huwa mument li fih isir jaf aktar lill-uffiċjali korrettivi f'ambjent sabiħ u mżewwaq b'xi ċajta. Huwa jammira l-kuraġġ, id-dixxiplina u l-impenn li qed juru bħala persuni fis-servizz, b'impenn lejn pajjiżna u b'rispett lejn il-priġunieri.

## DIN HIJA VOKAZZJONI FRANĠISKANA

Fr Hayden għadda biex jistqarr li din l-esperjenza, li jgħix kemm mal-ħabsin kif ukoll mal-uffiċjali li jieħdu ħsiebhom, kienet għalih espressjoni tas-sejħa Franġiskana li huwa qed dejjem jagħmel ħiltu biex jgħixha b'mod sħiħ. Huwa qal: "Bħala patri Franġiskan Kapuċċin jiena naqdi żewġ ministeri partikolari: predikazzjoni f'Malta u barra, u wieħed mit-tliet patrijiet li naħdmu fil-ħabs. Fil-fatt meta faqqgħet l-imxija tal-COVID-19 kont qed nipprietka l-Italja, u meta ġejt lura dħalt minnufih kwarantina. Biex stajt noħroġ mill-kunvent u niġi l-ħabs, erba' patrijiet anzjani kellhom jitilqu mill-kunvent tiegħi u marru





f'żewġ kunventi oħra. Wara dan l-arranġament issejjaħ lockdown fil-ħabs."

"Fil-preżent, iż-żewġ patrijiet l-oħra li jaħdmu l-ħabs (Fr Victor Spiteri u Fr Martin Mamo) ma jistgħux jagħtu s-sehem attiv tagħhom, minħabba raġunijiet ta' saħħa u età. Matul dan il-lockdown kelli ngħix il-ħabs. Fil-ħajja tal-fundatur tal-komunità tiegħi, San Franġisk t'Assisi, kien hemm mument meta mhux biss kien jgħin lill-foqra u l-lebbrużi ta' żmienu, imma kien jgħix magħhom. Dan iż-żmien qed jagħtini din it-tagħlima: mhux biss li tgħin imma li taqsam ħajtek ma' min jinsab fil-periferija tas-soċjetà. Anke jekk dan l-għajxien kien temporanju sakemm dam il-lockdown, kważi xahrejn, nemmen li dan iż-żmien offrieli esperjenzi ġodda li komplew jiffurmaw lili stess. L-awtur tal-Ittra lil-Lhud fil-Bibbja jikteb: "Ftakru f'dawk li huma fil-ħabs, daqslikieku kontu fil-ħabs magħhom" (Lhud 13, 3). Issa nista' nifhimha ftit aktar."

## 'IL PADRE'

Fr Hayden kompla jaqsam magħna l-effetti li ħalliet fih u fir-residenti tal-ħabs din l-esperjenza, meta qalilna li s-sinifikat ta' din l-esperjenza żviluppa fih ġurnata b'ġurnata, u dejjem ipprova jgħix il-ġurnata. Huwa qal: "Issa, wara li għaddejt minnha, qed nifhimha aħjar. Fl-aħħar jiem tal-preżenza kontinwa tiegħi fil-ħabs, il-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi, il-Kurunell Alexandar Dalli, beda jirreferi għall-preżenza tal-patri fil-ħabs bħala 'il Padre'."

Waqt li dan huwa titlu tekniku għal min huwa midħla ma' korpi dixxiplinati, lili ġegħelni nirrifletti aktar dwar il-missjoni tal-patri fil-ħabs: li jkun missier spiritwali. Din mhix xi ħaġa sentimentali, imma impenn u għotja ta' ħajja. Li tkun padre fil-ħabs ifisser li tkun preżenti għal kulħadd (uffiċjali korrettivi, ħaddiema u priġunieri). Tkun qrib, aċċessibbli, tirrispetta, tisma', tevalwa, timxi mal-persuni bil-pass tagħhom u tieħu sehem fin-niket u l-ferħ tal-oħrajn," kompla jgħid Ħuna Fr Hayden.

## INKUN DEJJEM TA' SOSTENN GĦAL KULĦADD

Bil-għan li jkompli jagħtina t-tifsira tal-Padre fil-ħabs Fr

Hayden kompla jgħidilna: "Bħala padre, l-uffiċjali korrettivi ppruvajt dejjem inkun ta' sostenn għalihom, b'sens ta' apprezzament u stima għal dak li qed jagħmlu. Nisma' u ngħożż l-istejjer tagħhom u nara kemm huma għal qalbhom il-familjari tagħhom. L-aktar stejjer li smajt f'dawk il-jiem kienu jduru madwar il-familja. Xi drabi jkollhom jaffaċċjaw sfidi, u jiena min-naħa tiegħi dejjem ippruvajt innissel il-kuraġġ. Għamilt ħilti sabiex inkun ukoll ta' sostenn spiritwali fil-ħidma u l-ambjent tagħhom. Nittama li l-preżenza tal-Kapuċċin fosthom u magħhom tul l-24 siegħa ta' kuljum fakkrithom li Ġesù huwa magħhom. Nistqarr ukoll li mill-uffiċjali sibt sostenn jien ukoll fuq livelli differenti."

## TIDDISPONI L-QALB GĦALL-INDIEMA... GĦALL-KONVERŻJONI

B'enfasi fuq il-ħidma pastorali b'xejra spiritwali tal-preżenza tal-kappillan fil-ħabs, Ħuna Fr Hayden kompla jgħidilna x'kienet u fil-fatt x'għadha tfisser għalih din il-ħidma. Huwa qalilna: "Min-naħa l-oħra, li tkun padre għall-priġunieri jfisser li ma tneħħix l-impatt tal-ġustizzja u tgħin lil min żbalja jkun fil-verità u jikkonfronta lilu nnifsu quddiem l-iżbalji li wettaq. Fl-istess ħin ifisser ukoll li tiddisponi l-qalb għall-indiema quddiem Alla, tkun strument ta' fejqan mill-weġgħat moħbija fil-ħajja ta' min żbalja, toħroġ u tafferma l-potenzjal tagħhom, tara t-tajjeb li wiċħed ma jistax dejjem jara fih innifsu. Bħala padre nipprova ninkoraġġixxi quddiem il-qtigħ ta' qalb, nagħti parir meta mitlub, nipprovdi għall-bżonnijiet materjali fejn meħtieġ, niġbed l-attenzjoni, nitlob mal-persuni u nagħti l-maħfra, l-imħabba, il-ħniena, il-faraġ u t-tama li jagħtina Ġesù. Fil-ħabs trid tiżra' ħafna u tistenna l-ħsad b'ħafna paċenzja! F'xi każijiet ifisser ukoll li niskot, inżomm pass lura u nistenna l-mument opportun biex il-grazzja ta' Alla tmiss qalb il-bniedem. Mill-priġunieri nitgħallem ukoll. L-istejjer li tisma' jgħallmuk ħafna. Xi drabi jkunu huma li jagħtuni l-kuraġġ f'dil-missjoni."





B'dan il-mod, kompla jgħidilna Fr Hayden, huwa jittama li l-preżenza tal-Kapuċċin fil-ħabs tfakkar lill-priġunieri li ħadd mhu eskluż mill-imħabba u l-ħniena ta' Ġesù.

## FIL-ĦABS IL-PRIĠUNIER JITLEF IL-LIBERTÀ IMMA MHUX ID-DINJITÀ

Wara li tkellimt ma' Fr Hayden dwar l-attività pastorali tiegħu mal-ħabsin matul il-lockdown minħabba l-COVID-19, huwa qalli: "Il-ħidma tiegħi fil-ħabs kienet u għadha li tagħti dinjità lill-priġunier, għax persuna li tingħata sentenza ta' priġunerija titlef il-libertà iżda mhux id-dinjità. Nemmen li r-rispett lejn id-dinjità tal-bniedem jista' jagħti tama għar-riabilitazzjoni tal-priġunieri."

## TWAQQFU Ż-ŻJARAT LILL-PRIĠUNIERI

Meta tkellimt ma' Fr Hayden dwar x'effetti ħalliet din l-esperjenza tal-Coronavirus fuq il-priġunieri, huwa qalli: "Waħda minn numru ta' prekawzjonijiet li ttieħdu, biex kemm jista' jkun tiġi limitata l-possibilità li l-COVID-19 jidħol fil-ħabs, kienet li jitwaqqfu ż-żjarat lill-priġunieri. In-natura tal-ħabs diġà hija waħda li tiżola lill-persuna. Din hija tbatija mhux biss għall-priġunieri imma anke għall-familjari tagħhom, li huma wkoll vittmi tal-iżbalji tal-priġunieri. In-nuqqas ta' kuntatt f'dan iż-żmien ikompli jżid ma' dan. Biex tikkumpensa għal dan in-nuqqas, it-tmexxija tal-ħabs introduċiet sistema ġdida ta' Skype calls. Hemm ukoll il-faċilità tat-telefonati."

Huwa kompla jgħidilna: "L-uffiċjali korrettivi wkoll qed iħallsu l-prezz tan-nuqqas ta' kuntatt fiżiku mal-familjari u l-għeżież tagħhom, minħabba li jaħdmu sebat ijiem il-ħabs u sebat ijiem id-dar. B'mod jew ieħor, tista' tgħid li kollha ħassew din il-firda. Xi drabi b'sagrifiċċji mhux żgħar u f'ċirkustanzi delikati, bħalma huma t-tqala, trabi tat-twelid fl-ewwel ġimgħat tagħhom u żmien familjari sensittiv. Però nammira l-kuraġġ, id-dixxiplina u l-impenn li qed juru bħala persuni fis-servizz. Qed jagħmlu dan b'impenn lejn pajjiżna u anke b'rispett lejn il-priġunieri. Diversi priġunieri esprimew miegħi



l-apprezzament tagħhom għal dan. Napprezza wkoll kemm it-tmexxija tal-ħabs investiet fil-ħaddiema, biex dan il-lockdown jgħixuh bl-anqas inkonvenjenzi possibbli u b'apprezzament lejn is-sagrifiċċju li qed jagħmlu.

## ESPERJENZA LI WASLET F'WIDNEJN IL-PAPA

Ħuna Fr Hayden ħass li għandu jaqsam din l-esperjenza tiegħu mal-ħabsin mal-Isqof Mons. Mario Grech. Għal dan il-għan huwa bagħatlu email. L-Isqof min-naħa tiegħu ħass li l-istess esperjenza għandu jaqsamha mal-Qdusija Tiegħu l-Papa Franġisku. Il-Papa apprezza ferm dan il-fatt li patri Kapuċċin għażel li jingħalaq għal ġimgħat sħaħ mal-ħabsin, bil-għan li jkun magħhom f'kull mument, tant li semmieha bħala testimonjanza fl-omelija li għamel nhar Ħamis ix-Xirka. L-Isqof Mons. Mario Grech min-naħa tiegħu semma wkoll din l-esperjenza fl-omelija tiegħu fil-Katidral ta' Marija Assunta f'Għawdex.

## GRAZZI LILL-KAPPILLANI TAL-ĦABS

Aħna min-naħa tagħna nammiraw il-ħidma tal-kappillani tagħna l-Kapuċċini f'dan il-qasam hekk diffiċli u delikat, aktar u aktar għall-fatt li għalkemm iċ-ċirkustanzi tbiddlu u saru aktar diffiċli, huma baqgħu hemm jagħtu l-ħidma tagħhom. Grazzi lil Fr Hayden għall-kontribut tiegħu, li żgur huwa u jibqa' apprezzat mhux biss mill-ħabsin u l-familjari tagħhom, mhux biss mill-awtoritajiet tal-ħabs, u mhux inqas minna lkoll li għandna għal qalbna lil dawn ħutna l-ħabsin fil-bidla tagħhom biex dejjem isiru ċittadini u Nsara aħjar. Grazzi, Fr Hayden, flimkien mal-kappillani l-oħra Fr Victor Spiteri u Fr Martin Mamo. Ninsabu ċerti li minbarra li tajtu u għadkom qed tagħtu xhieda ta' Knisja omm ħanina u preżenti għal kulħadd, żgur il-Mulej jagħtikom hu l-kumpens għal dawn il-ħidmiet li qed twettqu f'ismu.

Il-Mulej jagħtikom is-sliem! ■

PADRE PIO JURINA T-TRIQ:
"ITLOB, ITTAMA, TINKWETAX."

VINCENT VELLA OFS



# IL-QADDIS PADRE PIO TAL-PJAGI U D-DEVOZZJONI TIEGĦU LEJN SAN ĠUŻEPP (L-EWWEL PARTI)

Fl-okkażjoni tal-150 sena minn meta l-Beatu Papa Piju IX pproklama lil San Ġużepp Patrun Universali tal-Knisja Kattolika fit-8 ta' Diċembru 1870

**IL-GLORJUŻ PATRIJARKA SAN ĠUŻEPP**

San Ġużepp, l-għarus kastissimu tal-Verġni Marija, hu l-ikbar qaddis li hemm fis-sema, ftit inqas minn Marija Santissima, Omm Alla. Għall-missjoni straordinarja tiegħu bħala missier putattiv ta' Ġesù u għarus tal-Verġni Marija, San Ġużepp, l-umli 'mastrudaxxa ta' Nazaret', ġustament hu qaddis uniku li għex fid-dinja. U għalhekk hu jinsab aktar 'il fuq mill-patrijarki, mill-profeti, mill-appostli, mill-martri u mid-dutturi tal-Knisja, għax propju fih tinstab il-milja tal-kliem divin ta' Ġesù: "Għax min hu l-iżgħar fostkom ilkoll, dan hu kbir." (Lq. 9, 48)

Fil-Vanġelu tiegħu San Mattew jagħmel eloġju kbir lil San Ġużepp meta jsejjaħlu 'raġel ġust' (Mt. 1, 19). San Ġlormu, wieħed mill-missirijiet il-kbar tal-Knisja u mgħallem ta' għerf bla qies tal-Iskrittura mqaddsa, fir-riflessjonijiet tiegħu jgħid li San Ġużepp jimmeritah li jissejjaħ 'ġust' għaliex kien mogħni perfettament bil-virtujiet erojċi kollha tal-qaddisin. Hu kien jagħti 'l Alla u lill-bnedmin dak kollu li kien jixraq lilhom, u b'hekk f'dan issupera l-qaddisin l-oħra kollha l-aktar erojċi. L-istess jafferma d-Duttur tal-Knisja San Tumas t'Akwinu meta qal li l-veru 'ġust' hu dak li għandu fih "il-milja tal-virtujiet kollha".

Anki l-Papiet il-Beatu Piju IX, San Piju X, Ljun XIII, Piju XI, San Piju XII, San Ġwanni XXIII u San Ġwanni Pawlu II vveneraw u onoraw lill-glorjuż San Ġużepp bid-dokumenti speċjali tagħhom u bl-interventi prezzjużi tagħhom fir-rigward tal-kult speċjali li hu





dovut lill-kbir San Ġużepp, dak li hu l-patrun universali tal-Knisja Kattolika. Imma aktar minn hekk, kemm il-qaddisin kif ukoll il-poplu Nisrani minn dejjem irrikonoxxew, affermaw u kkultivaw l-importanza imprezzabbli tad-devozzjoni lejn San Ġużepp bħala l-qaddis l-aktar għażiż u l-aktar għoli fir-rispett mill-qaddisin l-oħra kollha fis-sema, u onorawh bħala dak li qiegħed dejjem ħdejn Ġesù u l-Madonna, kemm meta kien fuq din l-art kif ukoll issa fis-sema.

## DEVOZZJONI TA' SAN PIJU LEJN IL-GLORJUŻ PATRIJARKA SAN ĠUŻEPP

Padre Pio, il-kurċifiss tal-Gargano, kien devotissimu tal-glorjuż Patrijarka San Ġużepp sa mill-bidu nett ta' ħajtu. Din id-devozzjoni, li tmur lura sa mill-ewwel snin ta' tfulitu, kważi ċertament li għaddithielu ommu Mamma Peppa, li kienet devota kbira tal-qaddis li hi wkoll kienet iġġib ismu. Tul medda ta' snin bejn San Ġużepp u Padre Pio ġiet stabbilita relazzjoni ta' affezzjoni reċiproka. Hu kien jivvenera b'fervur u tenerezza lil San Ġużepp u San Ġużepp kien jirreċiproka din l-imħabba lejh bil-qawwa tal-patroċinju tiegħu.

Dan l-intervent kien partikolarment jidher l-aktar fl-attakki mxajtna li ta' spiss Padre Pio kien ikun suġġett għalihom. Padre Benedetto minn San Marco in Lamis, konfessur u direttur spiritwali tiegħu, kiteb nota li tirrigwarda l-ewwel snin tal-ħajja ta' Padre Pio, u fija jiddeskrivi l-attakki mxajtna li kien suġġett għalihom iċ-ċkejken Francesco fl-ewwel snin ta' tfulitu. Padre Benedetto kiteb: "B'devozzjoni u mħabba l-aktar profonda kien jintelaq b'fiduċja kbira fil-protezzjoni tal-Verġni Marija u f'dik ta' San Ġużepp." U jżid jikteb dwar il-viżjonijiet tas-sema, li bihom it-tfajjel Francesco kien ikun imfarraġ wara dawn l-attakki: "Kienu ta' spiss u kontinwi mis-Sagra Familja", u għalhekk minn Ġesù, Marija u Ġużeppi.

Dan l-aħħar episodju dwar dawn il-viżjonijiet kien ikkonfermat minn Patri Piju stess. Meta kien fi Pietrelcina, Padre Pio kien imsawwat bi vjolenza ħarxa minn Satana u s-segwaċi tiegħu. Min kienu d-difensuri tiegħu li kkunslawh wara l-attakk? Kienu persunaġġi mis-sema, fosthom il-Madonna, l-Anġlu Kustodju u l-Missier Putattiv ta' Ġesù San Ġużepp. Fl-1912 l-istess Padre Pio kiteb lill-konfessur tiegħu Padre Agostino, "Barbablù (ix-xitan) ma jridx li jkun mirbuħ. Minn xi ġranet 'l hawn jiġi jinvistani flimkien ma' segwaċi oħra tiegħu, armati bi bsaten u għodda oħra tal-ħadid, imma dak li hu agħar, dejjem jidher taħt il-figura proprja tiegħu. Min jaf kemm-il darba tefagħni 'l barra mis-sodda u kaxkarni mal-art ta' kamarti. Imma paċenzja! Ġesù, l-Omm ħanina, l-anġlu ċkejken, San Ġużepp u missieri San Franġisk huma kważi dejjem miegħi." (Epistolario I, 252)

## IL-QAWWA TAL-PROTEZZJONI TA' SAN ĠUŻEPP

L-effikaċja tal-protezzjoni ta' San Ġużepp kienet tidher speċjalment kull nhar ta' Erbgħa, il-ġurnata ddedikata lil San Ġużepp, f'liema ġurnata Padre Pio kien jitlob u jagħti qima aktar bil-ħerqa lill-Qaddis. Id-19 ta' Marzu, imbagħad, għalih kienet festa kbira. Fl-20 ta' Marzu tal-1912 lil Padre Agostino kitiblu, "Ilbieraħ, il-festa ta' San Ġużepp, Alla biss jaf xi ħlewwa ħassejt, speċjalment wara l-quddiesa, tant li għadni nħossha ġo fija." (Epist. I, 265). Il-ferħ li kien iħoss nhar ta' Erbgħa u fil-ġurnata tal-festa tal-Qaddis kien jidher fil-bixriet ta' wiċċu u l-atteġġjamenti tiegħu ma' dawk li jiltaqa' magħhom, meta f'dawk il-ġranet kien ikun seren, ferħan, daħkan

u ewforiku... Bħala ħabib tal-qalb San Ġużepp kien ipattilu bl-abbundanza ta' konsolazzjonijiet u favuri... Id-Devozzjoni ta' Padre Pio lejn San Ġużepp kienet magħrufa minn kulħadd.

Anki t-talb li kien ilissen lill-Qaddis kien joħorġu minn fommu b'tant ħerqa u fervur. Ġurnata minnhom, fil-veranda tal-kunvent, xħin waqaf quddiem kwadru ta' San Ġużepp bil-Bambin f'idejh, dar lejn Ġesù u qallu, "Int tpoġġi rasek fuq dik il-qalb... U jiena?" Din l-espressjoni wriet b'liema żelu u devozzjoni ġenwina kienet il-qima u l-imħabba tiegħu lejn San Ġużepp. U din id-devozzjoni ried li jgħaddiha lil dawk li kienu jżuruh. Padre Pio kien dejjem iżomm ħafna santi u xbihat ta' San Ġużepp biex spiss iqassam minnhom lil uliedu spiritwali u ħbiebu, bi ħsibijiet qosra li kien jikteb hu stess fuq in-naħa ta' wara, ħsibijiet sempliċi u effikaċi, li fihom b'ħerqa kien iħeġġeġ id-devozzjoni lejn il-Qaddis u jfaħħar il-qawwa tal-patroċinju tiegħu. Ftit minn dawn il-ħsibijiet kienu jgħidu hekk: "San Ġużepp ikun missier għalik fin-nuqqas tal-preżenza tiegħi"; "San Ġużepp jagħmlek iktar għażiża quddiem Ġesù Bambin"; "San Ġużepp jippermettilek li tħoss l-effetti tal protezzjoni tiegħu"; "San Ġużepp jgħinek tħobb 'l Alla fuq kull ħaġa oħra"; "San Ġużepp ikollu ħniena minnek u jkun missier għalik".

Lil Cleonice Morcaldi kitbilha wkoll dan il-ħsieb: "U mhux biżżejjed li tkun taf li San



Ġużepp hu l-missier putattiv ta' Ġesù? X'ma ħadtx mingħand dik il-qalb divina, meta tant qgħadt viċin tiegħu għal tletin sena sħaħ? Ejja nafdawlu l-Knisja qaddisa, li hi tant ikkumbattuta u kkalunnjata, u anki r-ruħ tagħna fil-ġurnata li nkunu se nħallu dan l-eżilju." U kompla jiktbilha: "Itlob lil San Ġużepp li kif hu bi mħabba u b'ġenerożità kien jindokra lil Ġesù, hekk ukoll jieħu ħsieb ruħek; hekk kif iddefenda lil Ġesù quddiem Erodi, hekk ukoll jiddefendi lil ruħek minn Erodi aktar feroċi, id-demonju."

Biex tassew nifhmu r-relazzjoni ta' mħabba u devozzjoni li Patri Piju kellu lejn il-Patrijarka, tajjeb li nfakkru episodji oħra. Fin-novena effikaċi lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù, li hu kien jgħid spiss, qabel tingħad is-Salve Regina nsibu wkoll talba lil San Ġużepp. Fil-bidu din it-talba kienet miktuba hekk: 'San Ġużepp, ħabib tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù'. Patri Piju insista li din it-talba tinbidel tant li ppropona: "Mhux ħabib, imma hemm bżonn li nsejħulu 'missier putattiv ta' Ġesù'." Din il-korrezzjoni sabet l-appoġġ tal-Arċisqof ta' Manfredonia, li approva din il-bidla, u għalhekk illum insibu din il-bidla f'din in-novena, kif xtaq Patri Piju. Spiss kien iħeġġeġ lil dawk kollha li kienu jżuruh: "Meta tirreċitaw ir-rużarju mqaddes, wara li tingħad il-Glorja għidu, 'San Ġużepp itlob għalina.'"

Id-devozzjoni ta' Padre Pio lejn San Ġużepp tingħaqad ma' dik ta' ħafna qaddisin oħra li kienu jqisu lil San Ġużepp ftit wara l-Madonna. Hemm bżonn li aħna wkoll ikollna devozzjoni lejn dan il-qaddis bl-istess mod, biex ikun jimmeritana l-awgurju li Padre Pio kiteb lil waħda devota: "Jalla San Ġużepp jagħtik waħda minn dawk il-karezzi u l-bews li kien jagħti lil Ġesù." ■

JOSEPH C. CAMILLERI
BA; DEAM; M.ED. (PL. & MGT)



# SAN ĠUŻEPP – 150 SENA PATRUN TAL-KNISJA UNIVERSALI - DUN KARM, IL-POETA NAZZJONALI, U SAN ĠUŻEPP (IS-SEBA' PARTI)

Dun Karm Psaila (1871-1961) għex fi żmien meta l-attenzjoni tal-Knisja Nisranija kienet tiffoka fuq San Ġużepp. F'pajjiżu Ħaż-Żebbuġ kien hemm il-kwistjoni tal-vara ta' San Ġużepp. Il-vara, li saret fl-1870[1] minn Ġlormu Darmanin, ma kinitx iddaħħlet fil-knisja parrokkjali. Il-kwistjonijiet kienu tnejn. L-ewwel, kien hemm problema li l-prokuratur tal-fratellanza Mro Calcedonio Micallef kien membru ta' aktar minn fratellanza Żebbuġija waħda. It-tieni problema kien post fil-knisja parrokkjali fejn setgħet tinżamm il-vara. Meta Mro Micallef reġa' ħa t-tmun tal-fratellanza f'idejh, hu beda jaħdem biex id-devozzjoni lejn San Ġużepp tinfirex fost iż-Żebbuġin u biex isib tmiem għall-problema tal-vara ta' San Ġużepp.[2] Meta Mro Micallef issuġġerixxa post bejn il-pilastri, il-kappillan qabel miegħu fuq kundizzjoni li ma ssirx ħsara lill-bini tal-knisja. Ir-rikors li kien għamel dan Micallef ġie approvat mill-Kurja.

Fl-1881 qamet il-problema tal-bradella u l-pedestall li kienu jużaw għall-vari ta' San Ġwann Evanġelista u San Ġużepp. Sena wara ntlaħaq ftehim bejn in-negozjant Antonio Ciappara Delicata bħala prokuratur tal-Veneranda Cassa di San Giovanni Evangelista u l-Commerciante Giuseppe Camilleri bħala prokuratur tal-Veneranda Congregazione di San Giuseppe. Dan il-ftehim sar bil-ħila ta' wieħed membru tal-kleru Żebbuġi, Dun Salvatore Ciappara. B'hekk reġgħu saltnu l-paċi u s-serenità fost iż-Żebbuġin.[3] Dun Karm ma kienx jgħix f'din il-lokalità meta għex dawn il-ġrajjiet marbutin mad-devozzjoni lejn San Ġużepp. Meta kien intlaħaq il-ftehim, Dun Karm kellu 11-il sena. Fix-xena internazzjonali, fit-8 ta' Diċembru 1870 il-Papa Piju IX pproklama lil San Ġużepp bħala patrun tal-



Knisja Universali. Din qajmet fervur fost l-Insara, li wasal anke sa Ħaż-Żebbuġ. Barra minn hekk, fil-15 ta' Awwissu 1889 ħarġet l-enċiklika *Quamquam Pluries*.[4] Dawn iż-żewġ żviluppi fi ħdan il-Knisja qajmu qawmien ġdid u qawwi fid-devozzjoni lejn San Ġużepp, tant li dan inħass ukoll f'Ħaż-Żebbuġ, tant li fl-1882 il-prokuratur tal-knisja filjali tal-Grazzja, Paolo Felice, għamel talba biex jibda jiċċelebra l-patroċinju ta' San Ġużepp. Min-naħa l-oħra, fuq skala Maltija twaqqfu tliet parroċċi ġodda, it-tlieta

**REFERENZI**

1. Mercieca S., 'Il-Fratellanza ta' San Ġużepp', *Festa San Ġużepp 2016, Ħaż-Żebbuġ, Malta*, p. 225. Dr Simon Mercieca jikkwota lil Ciappara dwar id-data meta l-vara kienet lesta.
2. Mercieca S., 'Il-Fratellanza ta' San Ġużepp...' op. cit., p. 227
3. Mercieca S., 'Il-Fratellanza ta' San Ġużepp...' op. cit., p. 227
4. Saliba R., 'San Ġużepp u l-Ħamrun, l-ewwel parti: San Ġużepp; Missier u Sid tagħna' (ktejjeb tal-festa ta' San Ġużepp, Marzu 1993, nru 16) Stamperija Vexillina, ir-Rabat, Malta, p. 41



ddedikati lil San Ġużepp – l-Imsida (fl-1867), il-Qala (fl-1872) u l-Kalkara (fl-1898).[5] Alfred Massa jorbot dan kollu mal-poeta nazzjonali, Dun Karm. Hu kiteb hekk: "Il-parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ, Malta, għalkemm it-titular tagħha huwa San Filep, b'dana kollu San Ġużepp hija l-festa sekondarja... Għalhekk, kif wieħed jistenna, f'dan ir-raħal id-devozzjoni lejn il-patrijarka San Ġużepp hija qawwija ħafna. Mhux ta' b'xejn allura naraw lill-poeta nazzjonali tagħna, Dun Karm Psaila (1871-1961), li kien Żebbuġi, jinseġ tliet poeżiji lil dan il-qaddis."[6]

Tnejn minn dawn il-kitbiet ta' Dun Karm huma innijiet. Dawn huma *Innu lill-Patrijarka San Ġużepp*, *Innu lil San Ġużepp* u *San Ġużepp lill-Ħaddiem Nisrani*. Ma' dawn nixtieq inżid biċċa xogħol oħra li ħarġet mill-pinna ta' dan il-poeta – *Innu Popolari San Ġużepp,*[7] innu li jużaw l-Imsida. Dan l-innu nkitbitlu l-mużika minn Mro Ġużeppi Caruana, u nkiteb biex jindaqq u jitkanta mill-Misidjani waqt il-jiem tal-festa titulari tagħhom. Minn dawn l-erba' xogħlijiet ta' Dun Karm għażilt tnejn.

## INNU SAN ĠUŻEPP

Dan l-innu nkiteb fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija, tant li tkanta għall-ewwel darba f'Ħaż-Żebbuġ fil-25 ta' Lulju 1943. Alfred Massa jiddiskrivi dan ix-xogħol b'dan il-kliem: "L-innu jikkonsisti f'erba' kwartini u ritornell li jirrepeti ruħu. Il-kwartini huma msejsin fuq il-vers tal-għaxra, filwaqt li r-ritornell hu mibni fuq dak tas-sebgħa. Ir-rima hija waħda mqabbża."[8] L-innu għandu forma ta' talba lil dan il-qaddis. Dun Karm idur fuq dan il-qaddis biex kif hu ħares il-Familja Mqaddsa meta kien qed jgħix fuq din l-art, hu jagħmel l-istess xogħol biex iħares lill-gżejjer Maltin mill-ħerba li ġġib magħha l-gwerra. Il-poeta jagħmel referenza għaż-Żebbuġin; f'dan il-jum ta' festa f'din il-lokalità qisu nesa l-kruha tal-gwerra li kienet fuq moħħ kulħadd dak iż-żmien. Fl-aħħar nett, Dun Karm juri li kien trankwill għaliex hu kellu tama kbira li San Ġużepp kien ser jaħdem biex iġib lura s-sliem. Tama li turi l-imħabba kbira li kellu dan il-poeta lejn San Ġużepp.[9]

## INNU LILL-PATRIJARKA SAN ĠUŻEPP

Dan it-tieni innu hu itwal mill-ewwel wieħed. Fih sbatax-il strofa kollha msejsin fuq il-vers tat-tmienja. Dan it-tip ta' vers hu kkunsidrat mill-kritiċi li hu vers mexxej għall-aħħar. Barra minn hekk, kull strofa fiha sitt versi u r-rima tinsab fit-tieni, fir-raba' u fis-sitt vers.[10] Dan l-innu hu rakkont tal-ħajja ta' dan il-qaddis. L-ewwel il-poeta jelenka l-virtujiet ta' dan il-qaddis, imbagħad jgħaddi biex jirrakkonta l-ġrajjiet sew sbieħ u sew koroh tiegħu. Hu jsemmi d-dubju li daħal f'rasu meta sab li Marija kienet diġà tqila. Żmien ieħor ikrah kien meta San Ġużepp kellu jaħrab lejn l-Eġittu flimkien mal-Familja Mqaddsa. Min-naħa l-oħra jsemmi l-ferħ li ħass San Ġużepp meta ra t-tarbija quddiemu. Żmien ieħor sabiħ kien iż-żmien li l-Familja Mqaddsa kienet flimkien fir-raħal ta' Nazaret. Fl-aħħar nett San Ġużepp kien laħaq miet meta kiber Ġesù. Hu ma kienx fuq wiċċ id-dinja meta Ġesù kellu jgħaddi minn passjoni u mewt ħarxa. Kliem tassew poetiku f'dan l-innu hu: *Ma rajtux, int, o Ġużeppi, lil dak ibnek fit-tiġrib.*

Alfred Massa jikkummenta hekk fuq dan l-innu: "Il-poeżija tintemm billi l-poeta jfakkarna li llum San Ġużepp jieħu ħsiebna bħala Nsara għax hu protettur tal-Knisja tat-tajbin, fejn jingħaqdu f'bewsa waħda nies ta' kull strata fil-ħajja. Fost il-virtujiet li Dun Karm ifaħħar f'dan il-qaddis isemmi l-umiltà, l-ubbidjenza, il-fidi u l-imħabba."[11] ■

5. Saliba R., 'San Ġużepp u l-Ħamrun...' op. cit., p. 42
6. Massa A., 'Dun Karm u San Ġużepp', *Programm tal-Festa San Ġużepp – Msida 2005*, p. 24
7. *Festa Titulari San Ġużepp – l-Imsida*, 2013, p. 61
8. Massa A., *Dun Karm...* op. cit., p. 24
9. Massa A., *Dun Karm...* op. cit., p. 24
10. Massa A., *Dun Karm...* op. cit., p. 25
11. Massa A., *Dun Karm...* op. cit., p. 25

## AĦBARIJIET TAL-PROVINĊJA



BR MIGUEL ZAMMIT OFMCap
SEGRETARJU PROVINĊJALI

# SETTEMBRU 2020

### 1. PATRI ĠWAKKIN MERCIECA OFMCap – 60 SENA SAĊERDOT









Propju din is-sena 2020 Ħuna Patri Ġwakkin Mercieca qed jiċċelebra u jrodd ħajr lil Alla f'għeluq is-60 sena bħala saċerdot. Dan Ħuna twieled f'Raħal Ġdid (Paola). Il-ġenituri tiegħu kienu Aloysius u Maria Annunziata née Zammit. Fl-1 ta' Ottubru tas-sena 1950 beda s-sena tan-novizzjat fl-Ordni Franġiskan Kapuċċin fil-kunvent tal-Madonna tal-Grazzja, Għawdex. Fis-26 ta' Diċembru 1954 għamel il-professjoni perpetwa. Fit-2 ta' April 1960 ġie ordnat saċerdot minn idejn l-Arċisqof Mikiel Gonzi.

Wettaq il-ministeru saċerdotali tiegħu f'Malta kif ukoll bħala missjunarju fil-Kolombja, fil-Kenja u f'Kuba. Wettaq żmien ta' ħidma pastorali f'Napli. Qeda l-ministeru ta' gwardjan f'diversi kunventi tal-Kapuċċini f'Malta.

Fl-okkażjoni ta' Jum Paola, li ġie ċċelebrat fid-19 ta' Lulju 2013, is-Sindku u l-kunsilliera tal-Kunsill Lokali ta' Raħal Ġdid (Paola) għoġobhom jonoraw lil Ħuna Ġwakkin Mercieca bi plakka tal-fidda b'apprezzament għall-ħidma tiegħu b'risq in-nies ta' dan ir-raħal, speċjalment matul is-snin li għamel bħala gwardjan fil-fraternità ta' Sant'Antnin f'Għajn Dwieli. Patri Ġwakkin dan l-aħħar żmien huwa wieħed mill-Aħwa membri tal-fraternità ta' Sant'Antnin, Għajn Dwieli, però bħalissa jinsab fir-residenza tad-Dar tal-Kleru, Birkirkara.



Il-fraternità ta' Għajn Dwieli xtaqet ferm taqsam miegħu dan il-ferħ qaddis flimkien mal-familjari u ħbieb tiegħu fil-knisja ta' Sant'Antnin, imma minħabba ż-żmien li ninsabu għaddejjin minnu, tal-pandemija tal-Coronavirus, dan ma setax isir. Nittamaw li ċ-ċirkustanzi jinbidlu ma jdumux u hekk inkunu nistgħu flimkien miegħu niċċelebraw quddiesa ta' radd il-ħajr. Aħna minn qalbna nixtiqulu **ad multos annos!** ■









## 2. €60,000 GĦALL-MISSJONI

Nhar il-Ħamis, 14 ta' Mejju 2020 il-Fondazzjoni U, rappreżentata minn Dun Ġwann Farrugia bħala direttur, offriet ċekk ta' €60,000 b'risq il-missjoni tagħna l-Kapuċċini fil-Kenja. Dawn il-flus inġabru waqt il-**Maratona Missjoni – Il-Missjoni Għandha Bżonnok**, li saret nhar l-24, 25 u 26 ta' Jannar 2020. Is-somma totali miġbura minn din il-maratona organizzata mill-Fondazzjoni U kienet ta' €346,204. Kien hemm flimkien magħna l-Kapuċċini 8 destinitarji oħra li gawdew magħna minn din is-somma totali.

Il-preżentazzjoni taċ-ċekk mogħti lil Ħuna Fr Philip Cutajar OFMCap bħala direttur tal-Uffiċċju Missjoni Kapuċċini fil-Furjana saret fil-programm **Ħidma għall-Missjoni** li xxandar fuq Xejk TV fid-9.00 ta' billejl. Għal din l-għotja kien ukoll preżenti Ħuna Mons. Joseph Alessandro OFMCap, Isqof ta' Garissa fil-Kenja. Is-soltu din iċ-ċerimonja ssir waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa tal-Ħadd fil-parroċċa ta' San Publiju fil-Furjana. Imma din is-sena, minħabba s-sitwazzjoni tal-Coronavirus, saret b'mod virtwali mill-istudios ta' Xejk TV fil-Furjana.




F'isem il-missjunarji Kapuċċini Maltin fil-Kenja u f'isem dawk kollha li ser igawdu minn din l-għotja nixtiequ nirringrazzjaw lill-Fondazzjoni U, speċjalment lid-Direttur Dun Ġwann Farrugia flimkien mal-grupp kollu, kemm għal din l-inizjattiva tal-Maratona Missjoni kif ukoll għall-għotja ġeneruża li ngħatat lilna. Grazzi lill-Maltin u l-Għawdxin li taw id-donazzjonijiet tagħhom, speċjalment lil dawk li taw sabiex stajna nagħmlu 60 borża ta' studju għal saċerdoti ġodda, bis-somma ta' €600 kull wieħed, u anke lil dawk li taw jew ġeddew il-proġett taċ-Child School Sponsorship b'€120 fis-sena. Grazzi lill-helpers voluntiera tagħna li għenu ferm, kemm qabel kif ukoll matul il-maratona. Grazzi lil kulħadd! ■

## 3. PUBBLIKAZZJONIJIET ĠODDA

### ĦUNA FR JESMOND MICALLEF OFMCap




Nistgħu ngħidu li l-komunjoni u l-alterità (*'otherness'*) huma kontradittorji jew jistgħu jiġu rikonċiljati? Fil-ktieb ġdid tiegħu Fr Jesmond Micallef jirreferi għall-ktieb ċelebri *Being as Communion* tal-Metropolita Ortodoss Grieg John Zizioulas, biex jipprova jwieġeb din il-mistoqsija filwaqt li jenfasizza l-importanza tal-komunjoni għall-ħajja u għall-għaqda. Huwa jispjega li l-kunċett ta' komunjoni u l-alterità mhumiex kontradittorji iżda kumplimentari, minħabba li l-komunjoni hija l-bażi għall-alterità u l-identità vera.

Kontinwament preżenti għall-mistoqsijiet eżistenzjali l-aktar profondi tal-lum, l-awtur isegwi l-ħsieb filosofiku ta' Zizioulas kif ukoll l-istudju profond tiegħu tat-tradizzjoni Nisranija filwaqt li jenfasizza t-tħassib eżistenzjali li diġà kien imħabbar mill-kitbiet tal-Missirijiet tal-Knisja Griegi kif ukoll mid-definizzjonijiet imħabbra mill-kunsilli ekumeniċi bikrija. Il-kontribut ta' Zizioulas jinsab f'li huwa jiddefendi l-libertà li tkun differenti minn ħaddieħor, u din iqisha bħala karatteristika intrinsika tal-persuna li tilħaq il-maturità tagħha fil-komunjoni. Għalkemm huwa javviċina l-problema tal-alterità minn angoli differenti, madankollu dawn kollha jikkorrispondu għall-aspetti fundamentali tal-fidi Nisranija. L-"ieħor" huwa indispensabbli fil-kostituzzjoni ta' Alla (Alla huwa komunjoni trinitarja) kemm fl-imminenza tiegħu u kemm fl-eżistenza "ekonomika" tiegħu, għall-bniedem fir-relazzjoni tiegħu mal-ħolqien (ir-rispett tal-kreat) u l-bnedmin fil-kundizzjoni attwali tagħhom (ir-rispett tad-drittijiet umani) u d-destin eskatoloġiku tagħhom (il-viżjoni tal-ħajja ta' dejjem). Mingħajr l-ieħor ma  hemmx komunjoni, la fil-Knisja u lanqas fis-soċjetà. Dan jitlob li fit-teoloġija tal-lum ikun hemm ftehim bejn xi tfisser il-komunjoni u xi tfisser l-alterità. Nifirħu lil Ħuna Jesmond għal din il-pubblikazzjoni ġdida tiegħu.




**ĦUNA FR PAUL BUGEJA OFMCap**

Fr Paul Bugeja wkoll għal darb'oħra ħareġ pubblikazzjoni ġdida ta' ktieb tar-riċetti. Dan infatti huwa l-ħames ktieb tiegħu bl-isem ta' **Mill-Kċina tal-Kunvent – Ikliet**. Dan il-ktieb jikkonsisti f'20 ikla għall-okkażjonijiet diversi tal-familja u l-istess ktieb hu bi skop filantropiku. Nifirħu wkoll lil Ħuna Paul Bugeja għall-pubblikazzjoni ta' dan il-ktieb. ■



## 4. IL-KOMUNITÀ KATTOLIKA ERITREANA F'MALTA TIFRAĦ

Nhar is-Sibt 6 ta' Ġunju 2020 il-komunità Kattolika Eritreana għaddiet minn mument ta' ferħ meta wieħed mill-membri tal-istess komunità ngħaqad fiż-żwieġ bħala sagrament ma' tfajla Maltija. Qed nirreferu għal Joseph Keleta u Deborah neè Attard. Dan kien tassew mument ta' ferħ mhux biss għall-koppja li issa ngħaqdu fiż-żwieġ bħala sagrament kif ukoll għall-familji tagħhom u qrabathom imma wkoll għall-aħwa kollha membri tal-komunità Eritreana li jinsabu Malta u wkoll dawk li għexu xi snin f'Malta u llum siefru għal għalkollox fl-Amerika.

Iċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ saret fil-knisja parrokkjali ta' Santa Anna f'Marsaskala, ir-raħal fejn twieldet u għexet Deborah flimkien mal-familja tagħha. Iċ-ċeremonja taż-żwieġ ġiet immexxija minn Ħuna Fr. Philip Cutajar, Kapuċċin, peress li huwa s-saċerdot responsabbli mhux biss mill-Eritrej kattoliċi f'Malta imma anke mill-bqija tal-Afrikani Kattoliċi li qed jgħixu fostna u jersqu għall-għajnuna pastorali, spiritwali u soċjali mill-Knisja f'Malta. Iċ-ċelebrazzjoni saret mingħajr il-quddiesa minħabba l-imxija tal-Coronavirus.

Joseph ilu f'Malta diġà kważi 18-il sena. Huwa f'pajjiżu kien diġà midħla tal-Kapuċċin. Fil-fatt jaf b'diversi Kapuċċini Maltin missjunarji fl-Eritrea. Huwa kien jattendi s-seminarju tal-Kapuċċini f'Addis Ababa. Illum għandu 38 sena u ilu jaf lil Deborah sa mis-sena 2013 meta ltaqgħu flimkien f'attività organizzata miż-ŻĦN bil-għan li sseħħ aktar l-integrazzjoni tal-immigranti f'Malta. Nistgħu ngħidu li fiż-żwieġ ta' bejn Joseph u Deborah din l-integrazzjoni twettqet tassew. Illum Joseph wara li kompla l-istudji tiegħu, li diġà kienu mibdija fl-Eritrea, fl-Università ta' Malta bħala designer project manager, diġa għandu x-xogħol tiegħu. Aħna bħala Fondazzjoni Paċi u Ġid tajnieh kull għajnuna possibli anke ekonomika.



Lil din il-koppja minn qalbna nifirħulhom u nawgurawlhom futur mill-isbaħ. Nawguraw ukoll li dan iż-żwieġ bejn tfajla Maltija u żagħżugħ immigrant ġej mill-Afrika jkun ta' xhieda li l-integrazzjoni f'Malta hija possibbli u għandna nkomplu naħdmu għaliha. Inneħħu kull preġudizzju kontra dawk li jidħlu Malta bid-dgħajjes aktar u aktar meta niftakru li ħafna minnhom huma Kattoliċi daqsna jekk mhux aħjar minna. ■

### 5. OĦTNA L-MEWT



Rosina Azzopardi

Matul dan iż-żmien għal darb'oħra reġgħet żaritna oħtna l-mewt, permezz tal-mewt ta' żewġ ommijiet ta' aħwa tagħna. Dawn huma: Rosina Azzopardi, omm Ħuna Br Charles Azzopardi, u Karmena Vella, omm il-mibki Ħuna Br Joseph Vella, li wkoll ingħaqad mal-Mulej f'Novembru tas-sena 2016.



Karmena Vella

Rosina mietet nhar it-Tnejn, 6 ta' April 2020 fl-età ta' erbgħa u tmenin sena, filwaqt li Karmena mietet il-Ħamis, 14 ta' Mejju 2020 fl-età ta' disgħin sena. Nitolbu għall-ommijiet ta' dawn Ħutna sabiex il-Mulej jagħtihom il-mistrieħ ta' dejjem. ■

## VUĊI MISSJUNARJA

jixxandar fuq Radju Marija



- Segwi l-esperjenzi u l-avventuri ta' ħutna l-Maltin u l-Għawdxin fl-artijiet tal-missjoni, esperjenzi li jħalluk bla nifs u bla kliem iżda li jimlewk b'ammirazzjoni għall-kuraġġ ta' dawn l-eroj tas-skiet!
- Kun af bil-proġett ta' fejda li huma qed iwettqu għal miljuni ta' nies fil-bżonn, nies imxerrda fl-erba' naħat tad-dinja.
- Issir taf dan kollu u ħafna aktar fil-programm VUĊI MISSJUNARJA li jixxandar kull nhar ta' Ġimgħa fid-9.00pm fuq Radju Marija (102.3FM għal Malta u 107.8FM għal Għawdex) b'ripetizzjoni kull nhar ta' Tlieta fis-6.00am, bi produzzjoni u preżentazzjoni ta' Dr Frank Cassar u Helena Sammut.

FR SILVESTRU BONAVIA OFMCap



# IR-RIFORMA TAL-KNISJA TKOMPLI… IL-PARROĊĊI U L-KATEKEŻI



Xi wħud jistgħu jaħsbu li f'dawn l-aħħar xhur fil-Knisja kollox kien indirizzat, fil-livelli kollha, kif tadatta ruħha għal din ir-realtà ġdida tal-COVID-19 u wara. "Dalwaqt immorru lura kif konna qabel!" jgħidu wħud, anke fis-soċjetà ċivili! Il-Papa jtenni, "Le." Irridu nsibu modi adatti għal soċjetà ġdida, inkella ma nkunu tgħallimna xejn, kemm fis-soċjetà madwarna, fl-ekonomija, it-tqassim tal-ġid u aktar (ara l-ktieb *La Vita dopo la Pandemia* tal-Papa Franġisku, b'daħla tal-Kard. Czerny).

Saru ħafna ħidmiet fil-livelli kollha biex jgħinu lill-Insara jadattaw ruħhom tajjeb għall-qagħdiet ġodda li qed ngħixu u li ser indumu, żgur, ftit ieħor bihom. Imma l-Knisja, bħala Knisja, kompliet ħidmitha ta' tiġdid b'ritmu sod għall-istess Knisja u għall-Insara. Dan biex il-Knisja tkompli tkun mezz qawwi ta' xandir tal-Evanġelju u hekk l-Insara, fil-livelli kollha, jgħixuh aħjar.

Fil-Vatikan, li huwa ċ-ċentru tal-animazzjoni ta' dan kollu, matul dawn l-aħħar ġimgħat twal rajna diversi ħidmiet li tawna dokumenti importanti, u wkoll essenzjali, għal dan il-għan. Nibda b'dak li hu r-riforma tal-"Kurja Vatikana" jew aħjar tal-Knisja. Irridu noqogħdu attenti ħafna li meta nsemmu dan ma nifhmux biss l-uffiċċji, uħud moħbija fid-dlam jew fis-skiet wara l-kolonnat ta' Pjazza S. Pietru jew inħawi oħra qrib. Infatti l-akbar dokument, mistenni għal bosta snin, imma l-aktar matul dawn is-7 snin tal-Papa Franġisku, issa suppost wasal fl-aħħar fażi tiegħu biex jara d-dawl, hekk kif jiffirmah il-Papa nnifsu. Dan ser ikun fil-forma ta' kostituzzjoni appostolika, li hija l-ogħla forma ta' dokument li joħroġ il-Vatikan, jiġifieri l-Papa bl-awtorità u s-servizz tiegħu, għall-ġid tal-poplu kollu Nisrani.

## "MORRU XANDRU L-EVANĠELJU"

Għalkemm dan direttament jolqot ħafna mill-qrib l-uffiċċji papali, imma dawn iridu jkunu wkoll għas-servizz tal-Insara kollha, jiġifieri l-isqfijiet, id-djoċesijiet, il-gruppi flimkien tal-isqfijiet, kemm nazzjonali kif ukoll dawk internazzjonali jew kontinentali. Hekk dawn jaqdu aħjar lill-Poplu t'Alla, hu fejn hu, biex jgħix aħjar l-Evanġelju, ixandru bl-aħjar mod li jista', l-aktar b'ħajtu, f'ambjent li ma' kull jum li jgħaddi aktar qed isir ostili, jew jurta ruħu, jew jopponih, għax xi wħud jaħsbu li

l-libertà tal-bniedem hija fuq kollox!

"Morru xandru l-Evanġelju" ser ikun jismu dan id-dokument hekk importanti u mixtieq u mistenni. Il-Papa Franġisku nnifsu influwenza ħafna f'dawn is-7 snin bl-imġiba tiegħu, b'kelmtu u b'kitbietu f'dokumenti oħra. Issa li dan id-dokument qiegħed f'idejh, suppost għall-aħħar irtokki, dawn iridu jsiru b'attenzjoni kbira u kbira ħafna.

Għaliex din il-kostituzzjoni appostolika, għalkemm il-Papa jrid li tkun waħda li tgħin f'kollox "ix-xandir tal-Evanġelju", billi dan jimplika l-uffiċċji kollha li jaħdmu madwaru, u ħafna aktar, dan għandu implikazzjonijiet varji ħafna, b'mod speċjali fejn tidħol il-Liġi tal-Knisja. U kif ingħad, li din ir-riforma ser tkun waħda li tinħass f'diversi angoli tal-Knisja, mill-Papa 'l isfel, l-esperti ta' madwaru qed jaraw dan u jiflu tajjeb l-irqaqat biex wara t-tħejjijiet kollha li saru, dan iservi biss għat-tisħiħ tal-Knisja u x-xandir tal-Evanġelju.

Għax jekk ma nżommux dan, itenni l-Papa bosta drabi, u anke dawk li ġew milqutin minn dan l-ispirtu, inkunu tlifna opportunità li biha Alla nnifsu qed ikellimna llum. Għax hekk biss kull Nisrani u Nisranija, huma fejn huma, nistgħu ngħinu l-kawża tal-evanġelizzazzjoni. Għalhekk il-Papa jrid li isem dan id-dokument ikun "Morru xandru l-Evanġelju".
Żewġ eżempji li ssemmew f'dawn l-aħħar jiem huma r-riforma tal-parroċċi u tal-katekeżi. Veru li dawn huma żewġ oqsma li, anke fostna jew madwarna, huma oqsma li "anke l-anġli jibżgħu jimxu fuqhom" (kif jgħid il-proverbju). Imma jibqa' l-fatt li l-ħidma li twettqet trid titkompla b'qawwa u ħeġġa akbar.

## "IL-KONVERŻJONI TAL-PARROĊĊI"

L-istruzzjoni dwar ir-riforma fil-ħidma tal-parroċċi, approvata mill-Papa fid-29 ta' Ġunju u wara li saru t-traduzzjonijiet mill-ilsna ewlenin, ġiet imxandra mill-Kongregazzjoni tal-Kleru tal-Vatikan fl-20 ta' Lulju li għadda. Din titkellem dwar "Il-konverżjoni tal-komunità parrokkjali għall-qadi tal-missjoni tal-evanġelizzazzjoni tal-Knisja": l-istrutturi, l-organi u l-ħidmiet kollha jridu jgħinu dan il-għan, li llum aktar minn qatt qabel sar iċ-ċentru tal-ħajja kollha tal-Knisja. Importanti ħafna hu li nifhmu dan il-għan; u lkoll, ibda mill-isqfijiet, jgħid id-dokument, sal-membri kollha rġiel u nisa tal-parroċċa, f'dak kollu li jiġi organizzat, f'kull ċelebrazzjoni, liturġika u mhix, jitqies dejjem dan il-għan ewlieni. Jekk nirriflettu ftit, il-Papa jisħaq fuqu f'kull diskors li għandu rabta ma' hekk. Din hija art diffiċli ħafna u iebsa; imma jekk naqtgħu qalbna mill-ewwel, inkomplu sejrin kif aħna u nkunu tlifna kollox qabel bdejna. L-aktar issa, bl-esperjenza li akkwistajna mill-pandemija, li għadna sejrin



biha. Inkunu qed inkomplu nitilfu okkażjoni kbira ħafna biex l-Evanġelju jixxandar u jasal anke fl-istrutturi u l-livelli kollha u għand l-Insara kollha tal-parroċċa.

L-għalqa l-oħra hija r-riforma tat-tagħlim tal-katekiżmu. Waqt li napprezzaw ħafna l-ħidma ta' tant u tant li jimpenjaw ruħhom jgħallmu lit-tfal u forsi jaslu għaż-żgħażagħ, imma t-tagħlim bażiku tal-ħajja Nisranija jrid ikun minn ta' quddiem nett fil-gruppi u l-għaqdiet ta' kull xorta, fl-okkażjonijiet li għandna f'idejna, fil-mezzi tax-xandir u programmi li jaqdu dan il-għan u ħafna aktar. Fi żmien il-pandemija rajna xi tfisser "il-bruda" ta' wħud, li mhumiex ftit! F'oħrajn il-ħeġġa tagħhom kibret ukoll. Imma din hija okkażjoni li ma nistgħux inħalluha għaddejja qisha ma hi xejn!

Dmirna lkoll hu li nagħmlu li nistgħu biex dan nifhmuh u nagħtu s-sehem tagħna għal kull inizjattiva li titħabbrilna minn fuq! Nagħtu sehemna u nitolbu ħafna li dan iseħħ. ■

# SAN LEOPOLDO MANDIC, PATRUN TAL-MORDA BIL-CANCER



Il-qaddis Franġiskan Kapuċċin San Leopoldo Mandic twieled f'Castelnuovo di Catarro (fil-Bożnija-Ħerzegovina, fl-Ex Jugoslavja), fit-12 ta' Mejju 1866. Libes iċ-ċoqqa Franġiskana Kapuċċina f'Bassano del Grappa, l-Italja, fit-2 ta' Mejju 1890. Kellu ħerqa kbira li jmur lura fost in-nies t'art twelidu biex jaħdem għall-għaqda tal-Knisja. Iżda s-superjuri tiegħu tawh jagħmel il-ħidma tal-qrar l-Italja fejn kien, għall-ewwel f'kemm-il kunvent tal-provinċja fil-Veneto, u mbagħad għall-bqija ta' ħajtu f'Padova. F'kull wieħed li kien imur iqerr għandu kien jara l-art tal-ħidma tiegħu fil-Lvant għall-għaqda tal-Insara. Miet fit-30 ta' Lulju tas-sena 1942 fl-għomor ta' 76 sena. Il-Papa Pawlu VI għarfu bħala beatu fl-1976 u l-Papa Ġwanni Pawlu II għarfu bħala qaddis fis-16 ta' Ottubru tas-sena 1983. Kien persuna ta' statura ferm qasira imma kien kbir ferm fil-qdusija.

San Leopoldo diġà huwa meqjum fil-Knisja Kattolika bħala l-patrun tal-konfessuri, peress li l-kariżma u l-ministeru li spikkaw f'ħajtu kienu s-sigħat twal li kien jgħaddi fil-konfessjonarju. Issa wkoll ma' dan, il-qaddis, b'digriet uffiċjali maħruġ mill-Kongregazzjoni tal-Kult Divin u d-Dixxiplina tas-Sagramenti tal-Vatikan, ġie ddikjarat bħala **patrun tal-morda bil-cancer**. Dan id-digriet iġib id-data tas-6 ta' Jannar 2020, solennità tal-Epifanija. Dan id-digriet, iffirmat mill-Kardinal Prefett Robert Sarah, ġie pproklamat wara talba uffiċjali li saret mill-Konferenza Episkopali Taljana.

It-tħabbira uffiċjali ta' dan id-digriet saret b'mod uffiċjali mill-Isqof ta' Padova Mons. Claudio Cipolla, waqt konferenza għall-istampa li saret nhar it-8 ta' Frar. Għal din l-okkażjoni kien hemm preżenti l-Ex Ministru Ġenerali tal-Ordni tal-Kapuċċini Fra Mauro Jöhri, u l-Ministru Provinċjali tal-provinċja tal-Veneto Fra Roberto Tadiello fost personaġġi oħra.

Għalkemm bħalissa qegħdin nitkellmu l-aktar dwar il-pandemija tal-Coronavirus, nafu kemm il-marda tal-cancer għadha qed taħkem fostna. Fil-fatt hemm min isejħilha pandemija oħra li donna drajnieha u neħduha for granted, sakemm ma tmissx direttament lilna. M'hemmx familja li ma kellhiex jew m'għandhiex lil xi ħadd li marad u miet bil-cancer. Għalhekk nistidinkom sabiex inrawmu fina devozzjoni lejn dan il-qaddis u nitolbuh, bil-għan li mis-sema jkompli jinterċedi għal dawk kollha li huma milqutin minn din il-marda qerrieda, li sa issa x-xjenza medika ftit li xejn għadha sabet fejqan sħiħ u permanenti għaliha. ■





FR WISTIN ATTARD OFMCap

# TISLIBA NRU 185




1. Hekk lil Mowab u ż-żeblieħ. (Sof. 2, 8) (5)
2. It-tifel ta' Għada. (Ġen. 36, 4) (6)
3. O..., Alla tas-smewwiet. (Neħ. 1, 5) (5)
4. ***Telaq*** il-merħla f'idejn l-għassies. (1 Sam. 17, 20) (5)
5. Fejn Erodi qafel lil Ġwanni. (Mt. 14, 3) (4)
6. Hekk hu ħija. (1 Pt. 5, 12) (5)
7. Isem dan il-qaddej. (Ġw. 18, 10) (5)
8. ..., issa se nfejqek. (2 Slat. 20, 5) (5)
9. ***Kapaċi*** jgħallem. (1 Tim. 3, 2) (3)
10. Agħtini widen u fittex... (S. 31, 3) (7)

11 u 12. X'inhi l-art tiegħi. (Tob. 13, 8) (6)

13. X'se jagħmel fuq l-għoljiet. (Mik. 1, 3) (6)
14. Ulied din. (2 Ġw. 13) (5)
15. Hekk hu aktar mid-dawl. (Għerf 7, 29) (5)
16. Biex rabat l-efod. (Lev. 8, 7) (5)
17. X'jiġrilhom dawk li jħalluh. (Bar. 4, 1) (5)
18. Hekk għamlilna Kristu. (Gal. 5, 1) (7)
19. Mhux iktar bħala... (Film. 16) (4)
20. Ħadid u dan imħassra. (Ġer. 6, 28) (3)
21. B'min qarraq Androniku. (2 Mak. 4, 38) (5)
22. Il-Mulej qallu: "Inti ***kbirt***." (Ġoż. 13, 1) (5)

# AQTA' MIN - NRU 39

1. Min jaħkem fuq is-saltna tal-bnedmin. (Dan. 4, 14)
2. Ma kellhomx ħila jfissru l-ħolma. (Dan. 4, 15)
3. Għandu fih l-ispirtu tal-allat. (Dan. 4, 15)
4. Se jkissrilhom l-artali. (Hos. 10, 2)
5. Din tinbet bħal ħaxix morr. (Hos. 10, 4)
6. Dawn jitniehdu għall-għoġol. (Hos. 10, 5)
7. Il-Mulej ser jixħtu fid-deżert – ara n-nota. (Ġoel 2, 20)
8. Dawn għandhom jifirħu fil-Mulej. (Ġoel 2, 23)
9. Kienu qishom armata. (Ġoel 2, 25)
10. Waqgħet u ħadd ma jqajjimha. (Għam. 5, 2)
11. Ħarġet b'elf ruħ, tibqa' b'mija. (Għam. 5, 3)
12. Tfittxux lil dil-belt. (Għam. 5, 5)

Agendabookshop

**Soluzzjoni għal Tisliba #184**

1. Bajda; 2. Ftakar; 3. Xlokk; 4. Aqbad; 5. Gwaj; 6. Jafna; 7. Artal; 8. Qawwa; 9. Dak; 10. Ktajjen; 11. u 12. Profan; 13. Aramin; 14. Aħjar; 15. Ajkla; 16. Iġmla; 17. Naqas; 18. Ħwejjeġ; 19. Ejja; 20. Ara; 21. Arjel; 22. Lsira.

**Ir-rebbieħa tal-ħarġa ta' Mejju – Ġunju 2020**

Ir-rebbieħa ta' kull kompetizzjoni jingħataw żewġ kotba mogħtija ġentilment minn **AGENDA – MILLER DISTRIBUTORS LIMITED**. Ir-rebbieħ jittella' bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-15 tax-xahar. Ir-rebbieħ tat-Tisliba Nru 184 hija: SARA INCORVAJA li toqgħod 28, "Bebbuxa", Triq Dwardu Cachia, l-Iklin. Ir-rebbieħ tal-kompetizzjoni 47: OĠĠETTI FIL-BIBBJA (7) hija RITIENNE BONANNO li toqgħod 2/3 "Ta' Benjamina", Sqaq San Ġakbu, iż-Żurrieq, ZRQ 1300. Nistiednu lir-rebbieħa sabiex jiġu jiġbru l-premju mogħti lilhom mill-Uffiċċju tal-Missjoni Kapuċċini, il-Furjana.

# 8 MODI KIF TISTA' TGĦIN

## L-EWWEL U QABEL KOLLOX OFFRI T-TALB U S-SAGRIFIĊĊJI TIEGĦEK GĦALL-ĦTIĠIJIET SPIRITWALI TAL-MISSJUNARJI.

**1. BORŻA TA' STUDJU**
sabiex tgħin seminarista jsir saċerdot Franġiskan Kapuċċin. Minbarra li tkun qed tinvesti sabiex tadotta saċerdot, hu jadotta lilek billi jitlob għalik kuljum f'kull quddiesa li jqaddes f'ħajtek u wara mewtek. Kull borża ta' studju tiswa €600.

**2. IBAGĦTULNA BOLOL TAJBIN JEW UŻATI**
Naċċettaw kull tip ta' bolol. Tarmuhomx imma faddluhom u ibagħtuhomlna. **JEW EJJEW IXTRU BOLOL UŻATI**. Kilo bolol użati aħna nbigħuh b'€10.

**3. NAPPREZZAW LI TIBAGĦTULNA RĊEVUTI**
tal-VAT sabiex nidħlu biċ-ċans tal-lotterija u f'każ ta' rebħ kollox imur għall-missjoni. Importanti li l-irċevuti jkunu għandna mhux aktar tard mit-8 tax-xahar rispettiv. Fix-xahar ta' Lulju, permezz tal-irċevuta tal-VAT mibgħuta lilna minn persuna wisq probabbli mill-Mellieħa għax-xirja li għamlet mingħand Brown's Village Pharmacy, Main Street, il-Mellieħa, irbaħna s-somma sabiħa ta' €560.00. F'isem il-missjunarji ngħidulek GRAZZI!

**4. BAZAAR B'RISQ IL-MISSJONI**
Minħabba l-kriżi tal-Coronavirus bħalissa l-bazaar b'risq il-missjoni fil-Furjana huwa magħluq. Għalhekk la qed isir bejgħ u lanqas qed naċċettaw għotjiet għall-bazaar.

**5. QEGĦDIN NOĦORĠU ĦAFNA FLUS FI SPEJJEŻ TAL-POSTA**
sabiex inqassmu r-rivista *DAWL FRANĠISKAN* minħabba nuqqas ta' distributuri f'ċerti bliet u rħula. OFFRI B'MOD VOLONTARJU S-SERVIZZ TIEGĦEK BIEX TQASSAM IR-RIVISTA FIL-BELT JEW RAĦAL TIEGĦEK. Għandna bżonn: Bormla, parti minn Birkirkara, Tas-Sliema, Paola, Santa Luċija, Ħal Tarxien, l-Imsida u San Ġiljan.

**6. GĦAJNUNA FL-EDUKAZZJONI TAT-TFAL**
B'€10 fix-xahar jew €120 fis-sena tkun qed tgħin tifel jew tifla biex jingħataw edukazzjoni – uniformi tal-iskola u l-ikel fl-iskola. Tingħata l-isem u r-ritratt tat-tifel jew tifla li inti bi mħabba tadotta sabiex tagħtiha l-edukazzjoni b'xejn.

**7. INTENZJONIJIET GĦALL-QUDDIES**
Meta tagħtu flus biex isir quddies għall-missjoni tkunu qed tagħmlu opra ta' karità doppja: tgħinu lill-missjunarji u lill-erwieħ mejtin.

**8. META TIĠI BIEX TAGĦMEL IT-TESTMENT,**
wara li taħseb f'ruħek u fil-familjari tiegħek fittex li tkun ġeneruż/a BILLI TĦALLI XI ĦAĠA B'RISQ IL-MISSJONI.



**Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:**
**Fr Philip Cutajar OFMCap**
**Segretarju tal-Missjoni,**
**Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, il-Furjana**
**Telefown: 2123 3874 / 2123 4949 / 2122 5525**
**Imejl: dawlfrangiskan@gmail.com**

BOV **Kont Missjoni Kenja 40019998299**
**Kont Missjoni Kenja 089-021505-050**
APS bank **Kont Missjoni Kenja 2000039057-6**
BOV **Kont Proġett - Hola Kenja 40019994646**
**Kont Proġett - Hola Kenja 089-021-505-052**